# Madonna Ta' Pinu

Sena XXX Vol XI Nru. 149

April - Ġunju 2009

## Il-Verġni Marija fis-Sena Liturġika



## Żmien il-Għid

Rivista maħruġa mis-Santwarju Ta' Pinu - Għawdex

# *Madonna Ta' Pinu*

Perjodiku ta' kull tliet xhur



**Bord Editorjali:** Dun Gerard Buhagiar (*Editur*), Dun Mikiel Galea, Francesco Pio Attard, Maureen Attard, Esther Bajada, Edward Depasquale.


*Il-fehmiet li jistqarru l-kittieba m'humiex neċessarjament dawk tal-Bord Editorjali*


**Kull korrispondenza għandha tintbagħat hekk:**
***L-Editur**, "Madonna ta' Pinu"*
*Ċentru Kulturali Marjan, Ta' Pinu, Għarb*
*Gozo GRB 1704, MALTA.*
*Tel: 2155 6187 Fax: 2156 2350*
*E-mail: theeditor@tapinu.org*


**Abbonament għas-sena 2009:**

| | |
|---|---|
| *Lokali* | **€ 6.00** |
| *Ewropa* | **€14.00** |
| *Barra mill-Ewropa* | **€17.00** |
| *Sostenitur* | Offerta Libera |


***Sena XXX Vol XI Nru. 149***
***April - Ġunju 2009***




**Ritratti tal-Qoxra**
***Quddiem:*** M. I. Rupnik, *Pentekoste*, Katidral Santa Marija, Madrid - Spanja.

***Wara:*** Programm tal-Velja ta' l-Assunta

***Disinni fil-bidu ta' kull artiklu:***
*Dettal ta' l-iskultura* - Wistin Camilleri, u Mużajċi li jinsabu fis-*Santwarju Ta' Pinu*


***Ringrazzjament***
*Arkivju Rit. Santwarju Ta' Pinu, Archivio Foto. Marconi, Bologna, Italja.*

**stampar:** jdbprinting - tel: 2155 2219



© Copyright Ta' Pinu Publications 2009
*L-ebda parti minn artiklu jew ritratt, li jidhru fuq din ir-rivista ma jistgħu jiġu ppubblikati mingħajr il-permess bil-miktub tal-Bord Editorjali.*


# *F'din il-Ħarġa...*


**1** Il-Kelma tar-Rettur *Nitgħallmu ngħidu Grazzi!*

**2** Tifsira tal-Qoxra *Pentekoste*

**3** Il-Verġni Marija għajn tal-Ħajja

**4** Il-Verġni Marija Kewkba tal-Għid il-Kbir

**8** Lectio Divina: *"Tħobbni int aktar minn dawn?"*

**10** Restawr fuq pitturi ta' Emvin Cremona

**15** Marija: Il-Mara tat-"Tielet Jum"

**17** L-Arti Simbolika fis-Santwarju Ta' Pinu

**19** Il-Mara ta' Sibt il-Għid

**21** English Corner *Mary and our Joy of Easter*

**23** Ħsibijiet Marjani: *Marija Omm is-Serħan*

**25** Sliem Għalik: *Talba ta' Sant'Atanasju ta' Lixandra*

**27** Mill-Ħajja tas-Santwarju

**30** Marian Stamps from around the world: *The First Marian Stamp in the world*

**34** Poeżija: *Il-Madonna ta' Pinu*

**37** L-Għanja tal-Qaddejja Il-5 parti

**39** Grazzi, Omm tiegħi tas-Sema...

**40** Preżentazzjonijiet tat-Tfal


*Nixtiequ niskużaw ruħna mal-qarrejja tagħna għad-dewmien ta' din il-ħarġa minħabba ċirkustanzi li ma kellniex kontroll fuqhom.*

## *Intenzjoni ta' din il-Ħarġa*

**Biex il-Verġni Marija tkompli tkun mudell ta' qdusija u ħarsien għas-saċerdoti tagħna.**




# Nitgħallmu ngħidu GRAZZI

Ħafna mit-turisti u pellegrini li jżur is-Santwarju tal-Madonna Ta' Pinu, ta' spiss jibqgħu mistagħġba bin-numru kbir ta' kwadri ta' ringrazzjament li huma xhieda tal-grazzi li nqalgħu bl-interċessjoni tal-Madonna Ta' Pinu. Dawn il-kwadri huma msejħa Ex Voto, u fost dawk l-aktar antiki hemm numru sabiħ ta' qlub ċkejknin. Fuq xi wħud minn dawn il-qlub wieħed jista' jaqra l-ittri "PGR" li jfissru "Per Grazzia Ricevuta" - għal grazzja li jiena irċivejt. F'kelma waħda il-persuna jew persuni li offrew dawn il-qlub qed jagħmlu dan b'ringrazzjament lill-Madonna Ta' Pinu għal grazzja li qalgħu. Barra dan, dawn l-oġġetti, barra li huma xhieda tal-imħabba lejn il-Verġni Marija huma wkoll ta' xhieda għalina li narawhom biex f'ħajjitna qatt ma ninsew ngħidu minn qalbna il-kelma "GRAZZI".

Għaliex ta' spiss insibuha diffiċli biex innisslu din il-kelma żgħira iżda kbira fit-tifsira tagħha, għaliex xi drabi ninsew ngħidu "Grazzi"? Fl-opinjoni tiegħi, dan iseħħ għaliex ninsabu għaljenati b'ħafna affarijiet u lanqas biss għandna ċans napprezzaw dak li irċivejna. Anżi xi drabi nippretendu li kollox huwa dovut lilna, għandi dritt għal kollox! U jekk ma' napprezzax ir-rigal kif nista' qatt nasal biex ngħid grazzi?

F'din il-ħarġa qed nirriflettu ftit dwar il-preżenza tal-Verġni Marija u ż-żmien tal-Għid. Il-Festa tal-Għid il-Kbir hija l-isbaħ u l-aqwa festa fil-ħajja ta' kull nisrani. U għaliex? Għaliex f'dan iż-żmien tal-Għid in-nisrani mhux biss jiċċelebra il-Qawmien mill-mewt ta' Kristu, iżda jiċċelebra il-ħajja eterna li huwa irċieva frott il-qawmien mill-mewt ta' Kristu. IVA, żmien il-Għid huwa iż-żmien li fih in-nisrani jidħol daħla fih innifsu u jirrifletti fuq ir-rigali li Kristu Rxoxt mar jagħtih b'mod gratuitu! Il-Paċi, is-sliem, il-maħfra, il-Knisja, l-Ewkaristija, id-doni tal-Ispirtu s-Santu, il-fidwa u l-ħajja eterna huma kollha rigali li kiseb għalina is-Salvatur tagħna Ġesu` Kristu.

Għażiż/a qarrej imtela bil-ferħ għal dawn il-ġrazzji kbar li rċivejt mhux b'xi meritu tiegħek, iżda b'meritu ta' Kristu li fuqek xeħet ħarstu u ħabbek! Iva dawn ir-rigali ma humiex ta' darba, iżda jinsabu hemm għalik għal ħajtek kollha. Ixħet ħarstek fuq il-Verġni Marija, arha tiftaħ idejha u b'ħarsitha lejn Alla, b'idejha miftuħa, tiftaħ fommha u kollha ferħ bil-qawwa tal-Ispirtu s-Santu tgħajjat: *"Ruħi tfaħħar il-kobor tal-Mulej, u l-ispirtu tiegħi jifraħ f'Alla s-Salvatur tiegħi għax hu xeħet ħarstu fuq*

*iċ-ċokon tal-qaddejja tiegħu...*" Marija tirringrazzja lil Alla għaliex għamel ħwejjeġ kbar magħha u mal-poplu kollu ta' Iżrael, tant li l-ħniena tinfirex f'kull żmien ma' kulħadd (Lq 1, 46-55).



Il-Verġni Marija tasal biex tinseġġ dan l-innu ta' ringrazzjamjent, li llum wkoll sar l-Innu ta' ringrazzjament tal-Knisja. Dan tagħmlu għaliex hija l-mara l-ġdida, hija l-mara li taf tapprezza sa l-iċken rigal. Marija taf li kulma għandha huwa rigal ta' Alla, u għalhekk hija tagħmel minn ħajjitha innu ħaj u kontinwu ta' ringrazzjament.

"O Mara tal-Għid il-Kbir, inti taf xi tfisser ngħixu ta' bnedmin ġodda, bnedmin irruxtati fi Kristu, qajjimna minn ngħas tagħna. Iftħilna għajnejna biex nintebħu li l-ħajja u dak kollu li għandna huwa rigal ta' Alla. Ibqa' qrib tagħna biex fil-bidu u t-tmiem ta' kull ġurnata tkun inti li tfakkarna fid-doni ta' Alla u miegħek aħna nagħrfu nixtħu ħarsitna fuqu u ngħidulu: "GRAZZI O ALLA, grazzi tal-ħajja, grazzi fuq kollox għaliex inti s-Salvatur tagħna, grazzi tal-Ispirtu tiegħek li inti poġġejt fina, grazzi tal-ħniena li inti tuża magħna, grazzi fuq kollox għaliex aħna eredi miegħek tal-ħajja Eterna!".♦



## Tifsira tal-Qoxra

M.I. Rupnik,
***L-Inżul tal-Ispirtu s-Santu fuq il-Verġni Marija***,
Sagristija tal-Katedral ta' Santa Marija, Madrid - Spanja.

Żmien il-Għid jgħalaq biċ-ċelebrazzjoni tal-Inżul tal-Ispirtu s-Santu fuq il-Knisja. L-Ispirtu ta' Alla huwa nifs li jagħti l-ħajja, hekk li Adam, magħġun mit-trab ta' l-art jirċievi l-ħajja hekk kif il-ħallieq jonfoħ fih nifs il-ħajja. L-istess jiġri fil-viżjoni li kellu il-profeta Eżekjel, meta l-għadam niexef li jinsab mirdum fil-wied ta' Ġosafat, għan-nifs divin jerġa' jieħu l-ħajja. Dan kollu jsib il-qofol tiegħu fi Kristu Rxoxt. Wara l qawmien mill mewt, Ġesu` jidher lid-dixxipli tiegħu, jonfoħ fuqhom l-Ispirtu s-Santu u jgħidilhom: "Ħudu l-Ispirtu" (Ġw 20,22). Dan id-don tal-ħajja mbagħad jingħatha lill-Knisja nhar Għid il-Ħamsin, meta l-Ispirtu s-Santu jinżel fuq l-Appostli li jinsabu miġbura fiċ-Ċenaklu flimkien ma' Marija u xi nisa twajba (ara Atti 1,14; 2,1-4).

F'dan il-mużajk il-Verġni Marija tidher mhux biss bħala l-Omm ta' Ġesu` iżda hija wkoll Omm il-Knisja. Fuqha niżel l-Ispirtu s-Santu, l-Ispirtu Divin ta' Alla li jagħti l-ħajja. Kemm il-ħajja ta' Marija u kemm il-ħajja tal-Knisja hija mpoġġija taħt il-qawwa ta' l-Ispirtu is-Santu. L-ilsna tan-nar li jidhru nieżla fuq il-Verġni Marija qed ifakkruna li l-Ispirtu s-Santu huwa don ta' Alla lill-Knisja. Marija tinsab b'idejha miftuħa u vojta, għaliex hija dejjem lesta li tilqa' d-doni ta' Alla u fl-istess ħin qed tirripeti il-kellmiet li qalet f'Nażaret: "Ara jiena l-qaddejja tal-Mulej: ħa jsir minni skond kelmtek" (Lq1, 38). L-idejn ta' Marija huma wkoll merfugħa 'l fuq, f'ġest ta' tifħir lil Alla għal-għeġubijiet il-kbar li huwa għamel magħha. Marija mhux biss hija Omm tal-Knisja, iżda hija wkoll xbieha ħajja tal-Knisja. Kull nisrani jeħtieġ li jsir jixbaħ dejjem aktar lil Marija, billi l-ewwel u qabel kollox joqgħod għad-dell tal-Ispirtu s-Santu biex bl-umilta` kollha jikber fil-qadi ta' Alla, u jagħmel minn ħajtu Innu ta' ringrazzjament għad-doni kollha li huwa jirċievi ta' kuljum mingħandu.



# Il-Verġni Marija għajn tal-Ħajja

minn Patri Anton Farrugia, ofm

Matul iż-żmien tal-Għid, l-Knisja hija u tiċċelebra l-misteru tal-mewt u l-qawmien tal-Mulej, tfakkar ukoll l-Omm qaddisa tiegħu ferħana bil-qawmien ta' Binha mill-imwiet jew imsicħba fit-talb mal-Appostli fl-istennija tal-inżul tal-Ispirtu s-Santu.

Il-Knisja hija u taqdi l-missjoni tagħha ta' omm, fiċ-ċelebrazzjoni tas-sagramenti tal-bidu tal-ħajja nisranija, sagramenti li huma proprji ta' żmien il-Għid, tagħraf li l-Verġni Marija hija għaliha eżempju u għajnuna mill-aqwa fil-qadi ta' din il-missjoni.

Il-Missirijiet qaddisa tal-Knisja jgħallmu li l-misteri ta' Kristu, li l-Knisja tiċċelebra



fis-sagramenti tad-dħul fil-ħajja nisranija, fil-verita` kollha seħħew minn qabel fl-Omm Verġni Marija li kif jgħidilna l-Konċilju Vatikan II, il-maternita` tagħha ġiet qabel dik tal-Knisja u għalhekk il-Madonna hija xbieha u eżempju tagħha (ara *Lumen Gentium,* 63).

Fost il-formularji tal-Quddies li nsibu f'ġieħ il-Verġni Marija għal żmien il-Għid, hawnhekk se nagħtu ħarsa lejn il-Quddiesa li tiċċelebra lill-Omm qaddisa ta' Alla bħala għajn ta' dawl u ħajja. Dan il-formularju li fih insibu t-testi tal-liturġija tal-Vġili tal-Għid, jixraq li jintuża fis-sibtijiet ta' żmien il-Għid meta għal xi raġuni tajba, tiġi ċelebrata l-Quddiesa tal-Madonna.

Il-Verġni *safja u ħelwa* kif tiġi msejħa Marija fil-Kolletta u l-Prefazju ta' din il-Quddiesa, *fid-dell tal-Ispirtu s-Santu* (ara l-antifona tat-Tqarbin), nisslet lil Kristu, l-ħobż tal-ħajja (ara *Ġw* 6,35) li bih jitmantnu l-Insara.

L-Ispirtu Qaddis t'Alla li qaddes il-ġuf tal-Verġni Marija biex tagħti twelid lill-Iben t'Alla bħala bniedem fiż-żmien, qaddes ukoll il-ġuf tal-Knisja-Omm li jidher fis-sinjal tal-fonti tal-Magħmudija, biex tagħti lilna lkoll twelid

(ikompli f'paġna 7)

# Il-Verġni Marija: Kewkba tal-Għid il-Kbir

**minn dun Gerard Buhagiar**



Biex nifhmu sewwa it-titlu li għażilt għal dan l-artiklu ċkejken, jeħtieġ li qabel kollox nirriflettu ftit fuq titli oħra li bihom il-Knisja tmur issejjaħ lill-Verġni Mqaddsa Marija. Sintendi l-ebda titlu ma jwassal biex nifhmu tassew il-kobor tal-Verġni ta' Nażaret, pero` kull wieħed minnhom jurina u jfissrilna dejjem aktar x'inhi l-missjoni ta' Marija fil-Knisja.

L-ewwel u l-aqwa titlu li jfisser il-missjoni tal-Verġni Marija bla dubju ta' xejn huwa dak li Marija nnfisha tmur tagħżel hija stess, dak ta': "*Qaddejja tal-Mulej*". Għaliex jekk l-isem ta' Marija jfisser "maħbuba minn Alla", f'Nażaret meta l-anġlu Gabrijel iwassal lil Marija din l-aħbar ta' ferħ: *"Ifraħ, mimlija bil-grazzja, il-Mulej miegħek"* (Lq1, 28) hija twieġeb li trid tkun il-qaddejja tiegħu. Il-qaddej huwa dak li jinsab dejjem qrib l-imgħallem tiegħu, biex jisma' dak li jgħidlu u jwettaq ir-rieda tiegħu. Din hija Marija, u għaliex b'mod liberu u kollu ferħ tagħżel li ħajjitha kollha tkun ta' qadi lil Alla, hija issir l-Omm Qaddisa ta' Alla, it-*Theotokos*. Minn hawn joħorġu għalhekk diversi titli oħra marjani, fosthom *Sieħba, Dixxiplu, Gwida, Għalliema, Xbieha, Omm tal-Knisja, Sultana* u oħrajn.

It-titlu **Kewkba** huwa marbut ma' dak għalliema u gwida. Il-Qaddejja tal-Mulej tant għexet il-missjoni tagħha ta' Omm il-Feddej, li meta tinsab taħt is-salb ta' binha li qed joffri ħajtu għar-redenzjoni tal-bnedmin kollha, Marija ssir mill-ġdid Omm, Omm id-dixxipli ta' Kristu, omm tal-Knisja. Issa fost il-ħafna dmirijiet li kull omm għandha lejn uliedha, bla dubju ta' xejn hemm dak li tkun għalliema, u gwida għall-ħajja ta' uliedha. L-istess ifisser it-titlu ta' Kewkba li qed nagħtu lill-Verġni Marija. Għax jekk niftħu l-Vanġelu ta' SanMattew u naqraw bir-reqqa l-kapitlu tnejn, li jiftaħ biż-żjara tal-Maġi, naraw kif din il-kewkba wasslet lil dawn l-għorrief biex jsibu lil Ġesu`. Infatti l-Evanġelista jikteb: "*il-kewkba li kienu raw tielgħa bdiet miexja quddiemhom sakemm waslet u waqfet fuq il-post fejn kien hemm it-tifel. Kif raw il-kewkba mtlew b'ferħ kbir tassew*" (Mt 2, 9-10). Il-kewkba kienet għal maġi gwida fi triqthom biex sabu lil Ġesu` li mela lil qalbhom b'ferħ veru, ferħ li ma hux tad-dinja. Iva din hija l-missjoni ta' Marija, dik li tkun għalina fil-mixja tal-ħajja GWIDA li twassalna biex insibu lil Ġesu`, nibqgħu miegħu u nsiru dixxipli tiegħu kif saru wkoll il-maġi li marru lura lejn darhom iwasslu din l-aħbar ta' ferħ.

## Kewkba tal-Għid il-Kbir

Għall-ħamsin jum, niċċelebraw flimkien fil-Knisja permezz tal-liturġija l-misteru tal-Għid

il-Kbir. Jiem li fihom il-Knisja qatt ma tieqaf tkanta: "Il-Mulej Qam Tassew, Alleluja!" Jiem li fihom il-Knisja ommna tistedinna biex inżommu fina ħaj il-ferħ tal-Għid mhux biss tul il-ħamsin jum, iżda tul ħajjitna kollha. Għaliex fiergħa hija l-fidi tagħna li kieku Kristu ma qamx mill-mewt u ma fetaħx għalina it-triq tal-ħajja!

Hawn huwa l-post tal-Verġni Marija, iva għandna bżonn tal preżenza tagħha biex tkun għalina l-Kewkba li kontinwament tmexxina wara Kristu Rxoxt. Kewkba li tfakkarna biex waqt li qed ngħixu fuq din l-art, ma ninsewx nżomm ħarsitna fuq pajjizna, is-Sema.

Żmien il-Għid huwa żmien ta' ferħ qaddis, għaliex ir-Rebħa ta' Kristu fuq id-dnub u l-mewt issir ir-rebħa tal-Knisja, tan-nisrani. Dak li l-Knisja tapplika għall-Verġni Marija f'dan iż-żmien taplikah għalina lkoll. Nagħtu xi eżempji:

- **"Sultana tas-Sema ifraħ":** huma il-kelmiet li bihom il-Knisja ssellem lil Marija fil-jiem tal-Għid minflok il-kliem ta' l-Angelus. Hija stedina għall-ferħ, għax dak li tnissel fil-ġuf tal-Verġni ta' Nażaret qam tassew kif kien qal. B'dan il-kliem li l-Knisja sellem lil Marija, fl-istess ħin l-Omm tal-Knisja, tistieden lill-Knisja kollha biex tifraħ, mhux biss bir-rebħa ta' Kristu fuq id-dnub u l-mewt, iżda wkoll tistedinna biex nifirħu għaliex Alla qatt ma hu ser iqarraq bil-bniedem. Alla huwa fidil lejn il-wegħdiet tiegħu, huwa jżomm kelmtu u Qam tassew kif kien qal! Marija hija dik il-kewkba tiddi li żomm fina ħajja it-tama u l-fiduċja f'kull kelma ta' Ġesu`. Quddiem id-dnub, it-tbatija, il-mewt ta' spiss il-fidi tagħna taħbat tiċċajpar u tiddagħjef, u għalhekk din is-Sultana tas-sema tinsab magħna biex tqawwi fina l-fidi u t-tama
- **"Ifraħ, omm id-dawl"** B'dan il-kliem tiftaħ l-antifona tal-Quddiesa *"Il-Verġni Mqaddsa Marija fil-Qawmien tal-Mulej mill-Imwiet".* L-istedina għall-ferħ li l-anġlu jagħmel f'Nażaret ma hix ta' darba, iżda għall-ħajja kollha ta' Marija. Din l-istedina issib bla dubju ta' xejn il-qofol tagħha fil-Qawmien mill-mewt tal-Mulej. Marija tissejjaħ f'din l-antifona, Omm id-dawl u dan għaliex *"Kristu, ix-xemx tal-ġustizzja, rebaħ id-dlamijiet tal-qabar, u bid-dija tiegħu dawwal id-dinja kollha, hallelujah."* Kif naraw minn dan il-kliem il-kawża u ċ-ċentru li miegħu jdur kollox huwa Kristu. Hekk hija il-ħajja tal-qaddejja ta' Nażaret, iddur kollha kemm hi ma dik ta' Kristu, ħajja mdawla mill-kelma u mill-preżenza ħajja tiegħu. Pero` l-kliem ta' din l-antifona jilħaq l-iskop tiegħu meta n nisrani, taħt il gwida ta' Ommu Marija jintebaħ li dan il-kliem huwa ta' stedina għalih. In-nisrani jekk irid verament li jgħix fil-ferħ tul ħajtu kollha, jeħtieġ li l-għażliet u l-istil ta' ħajja li huwa jgħix jkunu mdawla mill-Kelma ta' Kristu. Kristu biss huwa d-Dawl tad-Dinja u minn jimxi fuq il-kelma tiegħu ma jimxix fid-dlam. Tgħodd ħafna għalina t-twissija ta' Ġesu` lil Nikodemu: *"Id dawl ġie fid dinja, imma l-bnedmin ħabbew id-dlam aktar mid-dawl, għax l-għemil tagħhom kien ħażin. Għax kull min jagħmel il-ħażen jobgħod id-dawl, u ma jersaqx lejn id-dawl, biex għemilu ma jinkixifx. Imma min jagħmel is-sewwa jersaq lejn id-dawl, biex juri li hemm Alla f'għemilu"* (Ġw 3, 19-21). Din hija l-missjoni ta' Marija u tal-Knisja, kewkba tiddi bid-dawl ta' Alla, li tmexxina lejn id-dawl ta' Alla, dawl li nsibuh fil-kliem ta' Ġesu` u fit-tagħlim tal-Knisja Mqaddsa. Dak li tgħallem u tgħid il-Knisja ma' tgħidux biex turi l-qawwa jew xi tip ta' poter fuqna, iżda tgħidulna biex kull għemil tagħna jkun imnebbaħ u mmexxi min Alla. Kemm inkun ferm aħjar kieku qabel kull ħaġa li nagħmel nistqasi lili nnifsi u ngħid: "Imma dan Alla jridni nagħmlu? Dak li ser nagħmel ser jkun jixhed li Alla huwa fl-għemil tiegħi?"
- **"Ifraħ, mimlija bid-doni tal-Ispirtu s-Santu"** Il-qaddejja ta' Alla, hija wkoll il-qaddejja tal-Knisja, u għalhekk jekk illum irrid niltaqgħa ma' Marija irrid bilfors infittixha fil-Knisja. Iż-żmien tal-Għid jgħalaq billi jurina kif: *"Id-dixxipli kienu qalb waħda jitolbu flimkien ma' Marija, Omm Ġesu`, hallelujah."* L-istess il-kliem ta' din l-antifona tal-quddiesa, *"L-Imqaddsa Verġni*

*Marija fiċ-ċenaklu*" huwa meħud mir-rakkont tal-kapitlu tnejn li insibu fl-Atti tal-Appostli. Il-ħajja ta' Kristu Rxoxt tasal għandna permezz tal-qawwa tal-Ispirtu s-Santu li jwelidna fi Kristu fis-sagrament tal-magħmudija. Hawn imut il-bniedem il-qadim, il-bniedem tad-dnub u d-dlam, u jitwieled il-bniedem il-ġdid. Fejn hemm il-għaqda, fejn hemm l-imħabba hemm jgħammar Alla. U hawn il-Verġni Marija hija mill-ġdid gwida u għalliema mill-aqwa, għaliex kif nsibu fil-prefazzju ta' din il-quddiesa, hija: *"eżempju mill-aqwa ta' xirka fit-talb fil-Knisja ta' l-ewwel żminijiet, meta wrejtna lil Omm Ġesu` titlob qalb waħda flimkien ma' l-Appostli*". Marija f'nofs id-dixxipli tal-Mulej, teżerċita l-missjoni tagħha ta' għalliema spiritwali u tgħin biex dawk kollha li huma ta' Kristu, jinġabru fit-talb, u jgħixu f'għaqda sħiħa fl-imħabba biex hekk ikunu jistgħu jirċievu d-doni tal-Ispirtu s-Santu u bħalha l-ħajja tagħhom tkun taħt id-dell tal-Għoli. L-istess prefazju jkompli:

*"Hi li kienet tistenna titlob il-miġja ta' Kristu*
*Talbet bil-ħerqa kollha ta' qalbha li sseħħ*
*Il-wegħda ta' l-Ispirtu s-Santu*
*li kien għamel il-Mulej;*
*Hi li fuqha l-Ispirtu s-Santu*
*xeħet id-dell tiegħu*
*Meta l-Verb ta' Alla sar bniedem,*
*Mill-ġdid imtliet b'dan id-don mis-sema*
*ta' l-Ispirtu s-Santu*
*Mal-bidu tal-poplu ġdid tiegħek."*

## Kewkba tat-Tieni Miġja

Il-missjoni ta' Marija bħala Kewkba, tispiċċa meta jasal dak il-jum, li fih ilkoll flimkien immexxija mill-qawwa tal-Ispirtu s-Santu ninġabru f'dar Missierna tas-Sema u kull ilsien jistqarr li Ġesu` hu il-Mulej, lilu tifħir u glorja għal dejjem.

Jeħtieġ li niftakru li ċ-ċelebrazzjoni tal-Għid il-Kbir li ngħixu kull sena, hija ċelebrazzjoni ta' tħejjija, ta' preparazzjoni għat tieni miġja ta' Kristu. Dan ikun l-Għid definit, għaliex fuq din l-art aħna pellegrini, il-mixja tagħna ma' tintemx hawn wara ftit tas-snin, iżda ssib il-qofol tagħha fis-sema, fi ħdan it-Trinita` Qaddisa. Bir-raġun



mela l-Verġni Marija tkompli tkun għalina ta' Kewkba li bid-dawl tagħha d-dawwal it-triq tan-nisrani lejn is-sema pajjiżu.

Il-Kewkba tal-Għid il-Kbir, il-Verġni Marija turina li t-tama tan-nisrani ma tqarraqx bina għaliex kif jikteb l-Appostlu Missierna San Pawl: *"għax l-imħabba ta' Alla ssawwbet fi qlubna permezz ta' l-Ispirtu s-Santu li kien mogħti lilna"* (Rum 5,5). In-nisrani huwa l-bniedem tal-Għid il-Kbir u kif jikteb N. Berdiaev fil-ktieb tiegħu *Il senso della storia*, Milan 1975, p.75; "Il-Kristjaneżmu huwa l-akbar reliġjon, għaliex huwa ir-reliġjon tar-Reżurrezzjoni: ma joqgħodx għall-mewt u li kollox jispiċċa fix-xejn, iżda jfittex fir-reżurezzjoni f'dak kollu li huwa tassew u li jibqa' għal dejjem".

**Imqaddsa Marija, Kewkba tat-tieni miġja**, għandna bżonnok, biex tkompli jurina turina t-triq, għaliex minkejja tit-taħbit li niltaqgħu miegħu, minkejja l-mard u t-tbatija, minkejja l-waqgħat tagħna, jeħtieġ li fuq kollox inżommu fina it-tama ħajja li dawk li huma ta' Kristu għad inaltnu miegħu.

**Mara tal-Għid il-Kbir, żomm** fina ħajja l-Paċi ta' Kristu Rxoxt, biex taħt id-dell tal-Ispirtu s-Santu b'ferħ tassew ngħixu dawn il-ftit jiem fuq din l-art fl-imħabba u mhux fil-mibgħeda, fid-dawl u mhux fid-dlam. żomm ħarsitna 'l fuq lejn is-sema pajjiżna fejn minn hemm qed nistennew li jiġi għalina Ġesu` Kristu Ibnek, is-Salvatur ta' l-umanita`. ♦

---

(Ikompli minn paġna 3)

ġdid bħala wlied Alla. Hekk ukoll l-istess Spirtu Qaddis li ssawwab bil-kotra fuq Marija, miġbura flimkien mal-Appostli fiċ-Ċenaklu nhar Għid il-ħamsin, jikkonferma fl-imgħammdin id-don tal-Ispirtu s-Santu, bit-tqegħid tal-idejn u d-dilka biż-żejt imqaddes tal-Griżma.

Minn naħa l-oħra, l-ġisem u d-demm li Kristu offra fuq is-salib għall-ħajja tad-dinja u li l-Knisja toffri fiċ-ċelebrazzjoni tal-Ewkarisitja mqaddsa, huma dawk stess li nisslet il-Verġni Marija għas-salvazzjoni tad-dinja. Il-Knisja Omm hija fl-istess waqt Verġni, għax kif tkanta l-liturġija fl-antifona tad-dħul għal din il-Quddiesa, *fl-ilma mhux mitiefes tnissel il-ġnus li emmnu.* Ommna l-Knisja mqaddsa *hija u tagħmel dak li għamlet Omm Kristu* (ara t-talba li tingħad fuq l-Offerti), toffri s-sagrifiċċju ewkaristiku għaliex kif jingħad fil-Prefazju, *fis-sagramenti tal-Knisja jseħħu l-misteri li fil-Verġni Omm Alla seħħew fil-verita`.*

L-antifona tat-Tqarbin isejjaħ lil Marija *għamara tas sagramenti tas sema.* Dan għaliex fil-ġuf tagħha ta' Verġni ġabet lil Kristu s-*sagrament tal-Missier* li fih kien hemm moħbija t-teżori kollha tas-salvazzjoni.♦



# Lectio Divina...




## *"Tħobbni int aktar minn dawn?"*

*minn Dun Anton Teuma*

## 1. Statio:

- *Qabel ma tibda' titlob, mur fil-post, fejn bi ħsiebek titlob u oqgħod bil-qiegħda għal 3 - 5 minuti, biex il-ġisem jonqos fir-ritmu tiegħu. Aħseb dwar x'ser tagħmel. Ħejji ruħek biex tiltaqa' ma' Alla.*

- *Inżel għarkubbtejk, rodd is-salib u prova idħol fil-preżenza ta' Alla. Hu diġa` qiegħed hemm! Kemm tinduna li qiegħed hemm!*

- *Itlob bil-mod it-talba tal-missierna. Tinsiex titlob maħfra ta' ħtijietek. Itlob lil Madonna, il-Mara tal-Kelma, biex tidħol għalik quddiem binha u biex bħalha tiftaħ qalbek beraħ għal dak li jrid jgħidlek il-Mulej.*

## 2. Lectio:

*Qum bil-wieqfa u aqra bil-mod s-silta tal-Iskrittura: Ġw 21,1-19. Ikun aħjar jekk taqraha darbtejn.*

## Tifsir tas-silta:

- "*Wara dan*" (Ġw 21,1): "*Int għalissa ma tafx x'qiegħed nagħmel jien; tifhmu aktar 'il quddiem.*" (Ġw 13,7). Kien f'dan l-episodju li Pietru issa jifhem x'jiġifieri mħabba b'xejn.

- "*Dehrilhom hekk: Xmun Pietru, Tumas li jgħidulu t-Tewmi, Natanjel minn Kana tal-Galilija, ulied Żebedew u tnejn oħra mid-dixxipli tiegħu flimkien.*" (Ġw 21,2): Xmun Pietru, dak li tradih (Ġw 18,15-27); Tumas dak li xtaq imut miegħu (Ġw 11,16) u li għamel il-mixja tal-fidi (Ġw 20,24-29); Natanjel li ma hemm ebda qerq fih (Ġw 1,47); Ġakbu u Ġwanni li xtaqu jeqirdu bin-nar lir-raħal sammaritan (Lq 9,54). U tnejn oħra anonimi. Kull wieħed, bl-esperjenza u bil-karattru tiegħu, jista' jagħmel esperjenza tal-lmqajjem. Din l-esperjenza m'għadhiex marbuta mat-tnax il-tribu' tal-Lhud, iżda miftuħa għall-popli kollha, irrapreżentati minn numru 7.

- "*Xmun qalilhom: Sejjer nistad. Qalulu: Ħa niġu miegħek aħna wkoll. Marru, rikbu d-dgħajsa, u dak il-lejl ma qabdu xejn.*" (Ġw 21,3): "*Ejjew warajja u nagħmilkom sajjieda tal-bnedmin. U minnufih telqu x-xbiek, u marru warajh.*" (Mk 1,17-18) Huwa verb speċifikament pastorali. Pietru jiddeċiedi għalih u l-oħrajn jagħmlu bħalu. Pietru jwettaq dak li jixtieq Ġesu` u l-oħrajn, animanti minnu, jagħmlu l-istess. Bil-lejl Ġesu` mhux hemm, id-dinja mingħajr dawl: "*Sakemm għadu binhar, jeħtiġilna nagħmlu xogħol ta' dak li bagħatni, għax jasal il-lejl meta ħadd ma jkun jista' jaħdem.*" (Ġw 9,4). Taħdem bil-lejl ifisser taħdem mingħajr għall-Mulej, imma mingħajr il-Mulej! "*Min jibqa' fija u jiena fih, dan jagħmel ħafna frott; għax mingħajri ma tistgħu tagħmlu xejn.*" (Ġw 15,5).

- "*Filgħodu, mas-sebħ, Ġesu` kien qiegħed ix-xatt, imma d-dixxipli ma kinux jafu li kien Ġesu`. Ġesu` qalilhom: għandkom x'tieklu ħbieb? Le, weġbuh. Qalilhom: Waddbu x-xibka n-naħa tal-lemin tad-dgħajsa u ssibu.*" (Ġw 21,4-6): Ġesu` hu s-sebħ, id-dawl. Fid-dawl jista' jsir l-għemil tal-Missier (Ġw 9,4). Irid ikun Ġesu` li juri lid-dixxipli fejn ser jitfgħu x-xbiek, fejn ser jaħdmu pastoralment. M'għandhomx x'jieklu għax mhux qed jagħmlu dak li jrid il-Missier: "*L-ikel tiegħi hu li nagħmel ir-rieda ta'min bagħtni*" (Ġw 4,34). Il-frott huwa possibli biss jekk l-appostli jafdaw fil-Kelma ta' Ġesu` (cfr Lq 5,11).

- "*Id-dixxiplu li kien iħobb Ġesu` qal lil Pietru: Il-Mulej dan! Għalhekk Xmun Pietru, kif sama' li kien il-Mulej, xeħet fuqu l-libsa ta' fuq, għax kien għoddu għeri, u ntafa l-baħar.*" (Ġw 21,7): Wieħed mis-sinjali tal-preżenza ta' Kristu Rxoxt huwa l-frott tal-ħidma pastorali. Ġwanni li għandu relazzjoni ta' intimita` mal-Mulej, ikun l-ewwel li jagħrfu. "*Rabat il-libsa ta' fuq bil-ħżiem, għax kien għoddu għarwien*": l-istess espressjoni użata fi Ġw 13,4: "*Ħa fardal, u rabtu ma qaddu*" – Ġesu` jsir qaddej sal-mewt. Pietru hu "*għoddu għeri*" għax kien għadu ma ħax fuqu dan



l-atteġġjament ta' Ġesu`. Il-libsa ta' fuq hija l-libsa li qasmu s-suldati f'erba – l-wirt tal-imsallab, l-Ispirtu tiegħu. Pietru kien għadu ma' aċċettax il-mewt ta' Ġesu` bħala l-ogħla wirja tal-Imħabba tiegħu, u għalhekk kien għadu ma jqishiex bħala sejħa għalih ukoll biex isir f'kollox bħal Ġesu`. Fl-aħħar, issa jifhem! Biex juri li issa lest li jagħti ħajtu sal-mewt, jintefa' fl-ilma.

- "*Qalilhom Ġesu`: Ejjew, kulu. Imma ħadd mid-dixxipli ma ssogra jistaqsih, Int min int? għax kienu jafu li kien il-Mulej. Ġesu` resaq, qabad il-ħobż u newwilhulhom; u hekk ukoll għamel bil-ħut.*" (Ġw 21,12-13): Meta jersqu lejn l-art, id-dixxipli jaraw l-ewwel l-ikel, mhux lil Ġesu`. Ġesu` huwa Ewkaristija. L-ikel preparat minn Ġesu` huwa rigal mogħti b'xejn, waqt li l-frott tal-ħidma pastorali jiddependi wkoll mill-kollaborazzjoni tad-dixxipli. 153 huwa 50X3. In-numru 50 jindika l-komunita` ta' persuni adulti. In-numru 3 jindika l-preżenza tad-divinita`. Minkejja n-numru ta' ħut kbir, ix-xibka "ma tqattegħtx" – "*ma nqattgħuhiex*" (Ġw 19,24). 153 huwa wkoll

(ikompli f'paġna 13)

# Restawr fuq pitturi ta' Emvin Cremona fis-Santwarju ta' Pinu

*mir-restawratur Godwin Cutajar*


Rit. 1

## Storja u Teknika:

Il-pittura "Kristu Rxoxt jidher lil Marija" (301.6cm X 96cm, rit. 1) ta' Emvin Cremona hi magħmula fuq it-tila b'żebgħa probabbli taż-żejt. It-tila hi fina ħafna u għandha strat preparatorju (*undercoat*) irqieq abjad biex tkun tista' żżomm iż-żebgħa aħjar fuqha, kollox t'għamla ndustrijali. Il-pittura hi maħduma b'velaturi opaki u kultant xi żebgħa ftit eħxen; f'ħafna partijiet l-istrati tal-preparazzjoni u ż-żebgħa huma tant irqaq li n-nisġa tat-tila għadha tidher fuq il-pittura. Iż-żona tas-sema hi mpittra bil-porporina lewn id-deheb. Il-pittura hi ffimata u bis-sena li fiha saret "CREMONA 1955" (rit. 2).

F'xi rqajja żgħar ta' żebgħa nieqsa fuq il-važun naraw żebgħa kannella rqieqa ħafna u dan juri li Cremona seta' għamel xi strati preparatorji ta' żebgħa waqt ix-xogħol. (rit. 3)

Din il-pittura, bħal dawk ta' qabilha għandha burdura ta' tila b'wisgħa li jvarja minn 3.5 sa 5.5 ċentimetri mhix impittra magħha kollha biex tkun tista' tinġibed fuq tilar, u għalkemm il-pittura waslet sallum imrambla fuq in-naħa l-qasira, din il-burdura fiha toqob żgħar li juru li setgħet ġa kienet miġbuda xi darba fl-imgħoddi.

Fuq iż-żebgħa ta' din il-pittura man-naħa tal-lemin (Marija u l-bukkett tal-ward), hemm bosta rqajja' ta' żebgħa mwaħħlin li ma jidhrux li huma ta' din il-pittura. Jista' jkun li huma mill-pittura "Depożizzjoni ta' Kristu", għax il-lewn (abjad mil-liżar, isfar ħadrani mil-laħam ta' Kristu mejjet,


Rit. 2


Rit. 3


Rit. 4



**GRAZZI LIL BANK OF VALLETTA LI QED JIFFINANZJA**



Rit. 9

ikħal ċar li jista' jkun mill-ewwel skema ta' kulur tal-velu tal-Madonna, aħmar mill-imnatar ta' l-irġiel) u l-qagħda tagħhom (l-abjad mil-lemin isfel għall-aħmar max-xellug fuq, b'xeħta dijagonali) hekk juru; il-pittura "Depożizzjoni ta' Kristu" hi ta' l-istess grupp u wkoll kien fiha bosta rqajja' ta' żebgħa neqsin. Li ġara jista' jkun li dawn iż-żewġ pitturi xi darba fl-imgħoddi ġew imqegħdin ma' xulxin żebgħa ma' żebgħa, ixxarbu, u bosta rqajja' ta' żebgħa minn mal-pittura "Depożizzjoni ta' Kristu" nqalgħu (x'uħud minn ma' l-istrat preparatorju, oħrajn minn mat-tila bl-istrat preparatorju b'kollox) u weħlu fuq iż-żebgħa tal-pittura "Kristu Rxoxt jidher lil Marija" (rit. 4).

Fl-irqajja fejn il-porporina hi nieqsa jidher lewn trasparenti ħadrani, jista' jkun xi komponent tal-porporina li għadda għall-istrat preparatorju u baqa' mwaħħal mieghu (rit. 5).

Il-pittura ma jidhirx li kellha interventi ta' konservazzjoni u restawr qabel dan preżenti.

## Stat ta' Konservazzjoni:

Il-pittura hi fi stat ħażin ħafna ta' konservazzjoni (rit. 6). It-tila tilfet mill-elastiċita` tagħha, fiha deformazzjonijiet strutturali, ma tiflaħx iġġorr l-istati pittoriċi u mhux ħafif li tinġibed fuq tilar. Bosta żebgħa u porporina, kif ukoll ħafna mill-istrat preparatorju waqgħu u ntilfu (*lacunae*).

Iż-żebgħa ta' l-għoljiet li jidhru mill-ħnejja f'nofs il-pittura fihom qsim ta' l-inxif (rit. 7).

Il-bosta rqajja' ta' żebgħa "barranija" li weħlu ma' din il-pittura itelfu ħafna mid-dehra tagħha. Minħabba li kienet imrambla tul in-naħa l-qasira u jista' xi darba ġie mpoġġi fuqha xi piż tqil, il-tila u ż-żebgħa għandhom xi ksur tul l-assi li kienu mrambla fuqu.



0Rit. 5



Rit. 6



Rit. 7

In-naħa ta' wara fiha trab u xi tiben imwaħħal.

## Konservazzjoni u Restawr:

It-trab u t-tiben in-naħa ta' wara ġew imfarfra b'pinzell.

Kien meħtieġ l-ewwel li l-pittura tiġi msaħħa strutturalment b'intervent ġenerali biex tingħata elastiċita` ġdida u biex l-istrati pittoriċi jiġu konsolidati fihom infushom u marbutin tajjeb mas-support. Il-pittura għalhekk twaħħlet fuq xkora *pattina* b'sistema u kolla tradizzjonali u kemm jista' jkun tbaxxew ukoll id-deformazzjonijiet strutturali li kellha. Imbagħad ġlet mlġbuda fuq tilar ta' l-injam li għandu ġonot espandibli bil-kavilji.

In-naħa l-impittra ġiet imnaddfa b'sistema mekkanika u kimika (rit. 8a u 8b). L-irqajja taż-żebgħa li kienu tħarrku minn posthom u weħlu mal-pittura ġew imneħħija u billi l-għamla tagħhom hi fina ħafna ma kienx ħafif li jiġu konservati. Ingħatat varniċ ħafif.


rit. 8a


rit. 8b

Kien imiss it-trattament tal-*lacunae* ħalli l-pittura tidher iktar magħquda. Għal dan kellhom jinstabu rimedji differenti skond il-kuntest:

- Ħafna *lacunae* setgħu jiġu mimlija għax il-kuntest tagħhom kien juri kif kienu u dan il-mili sar b'żebgħa tal-varniċ b'konsistenza ta' velaturi opaki. Xi partijiet fejn l-istrat preparatorju wkoll kien nieqes ġew l-ewwel mimlija bi stokk għax kienu fondi.

- Il-firma u d-data fihom xi ftit żebgħa nieqsa. Biex dan id-dokument jibqa' kemm jista' jkun kif ħallih l-artist ma kienx sewwa u "nadif" li jiġu miżjuda l-partijiet żgħar neqsin u għalhekk biex jiġu ntegrati aħjar ġew mimlija b'velaturi trasparenti ta' żebgħa tal-varniċ ftit iktar ċari mill-kuntest (*a sotto tono).*

- *lacunae* li huma żgħar ħafna u wisq qrib xulxin tħallew hekk kif inhuma, bix-xkora oriġinali tidher, għax teknikament mhux ħafif li jimtlew b'mod "nadif" u kollox ma' kollox jidħlu mhux ħażin fil-kuntest kollu.

- Il-*lacunae* fl-isfond tal-porporina ġew mimlija b'taħlita ta' żebgħa tal-varniċ b'konsistenza ta' velaturi trasparenti ftit iżjed ċara mill-kuntest (*a sotto tono*).

Dan ix-xogħol ta' konservazzjoni u restawr sar bejn Mejju u Novembru 2008. Tul il-perimetru l-pittura twaħħlitilha lista wiesgħa 1.3cm ta' l-injam bil-varniċ biex tgħatti t-tila mitwija u l-imsiemer.

## Konservazzjoni Preventiva:

Il-pittura konservata u restawrata (rit. 9) ddendlet fis-sagristija u mużew tas-Santwarju Ta' Pinu. Il-pittura m'għandhiex tixxarrab, u għandha tkun osservata kull sitt xhur fuq quddiem kif ukoll fuq wara ħalli jsir intervent ta' konservazzjoni u restawr minnufih jekk maż-żmien tkun qed issirilha xi ħsara. ♦

(Ikompli minn paġna 9)

is-somma tan-numri minn 1 sa 17. In-numru 17 huwa mag]mul minn numru 10 u n-numru 7. Il-komunita` nisranija hija l-milja tal-wegħdiet tal-poplu Lhudi (10 kmandamenti) permezz tad-doni tal-Ispirtu s-Santu (7 doni). In-numru 17 huwa wkoll is-somma ta' 12 (12-il qoffa li kien fadal wara t-tkattir tal-ħobż) u 5 (5 ħobżiet). Ġesu`, issa huwa ċ-ċentru ta' din il-komunita`, li minnha tista' toħroġ il-qawwa tal-imħabba u l-ħajja tiegħu. Hekk id-dixxipli jistgħu jagħtu lilhom infushom bħalu.

- Kienu fil-kuntest, fl-ambjent ta' l-Ewkaristija "*Ġesu` resaq, qabad il-ħobż u newwilhulhom; u hekk ukoll għamel bil-ħut*" (13). Mela għandna l-istess imħabba li kienet tinħass "*fil-kamra ta' fuq*", fiċ-ċenaklu fil-lejl ta' l-aħħar Ċena: "*Huma u jieklu, Ġesu` ħa l-ħobż f'idejh, qal il-barka, qasmu, newwlu lid-dixxipli u qal: Ħudu, kulu, dan hu Ġismi.*" (Mt 26,26-28). "... *billi kien jaf Ġesu` li waslet is-siegħa tiegħu biex jgħaddi minn din id-dinja għal għand il-Missier, hu, li kien ħabb lil tiegħu li kienu fid-dinja, ħabbhom għall-aħħar... Ġesu` kien jaf li l-Missier tah kollox f'idejh, u li hu kien ġie mingħand Alla u kien sejjer għand Alla, qam minn fuq il-mejda, neħħa l-mantar minn fuqu, ħa fardal u rabtu ma' qaddu. Imbagħad ferra l-ilma fil-lenbija, u beda jaħsel saqajn id-dixxipli u jixxuttahomlhom bil-fardal li kellu ma qaddu...*" (Ġw 13,1-5).
- "*Xmun bin Ġwanni, tħobbni int aktar minn dawn?*" (Ġw 21,15): nippruvaw nifhmu kif kien qiegħed iħossu Pietru f'dik l-ikla f'xatt il-baħar ta' Tiberija. Ġesu` ma jsejjaħlux bil-laqam li kien tah (Pietru - Ġebla), iżda jsejjaħlu b'ismu veru: Xmun bin Ġwanni. Isejjaħlu bl-isem li bih sar jafu xi snin qabel. Ġesu` jsejjaħ il-persuna ta' Xmun, il-qalb ta' Xmun, il-qalb fis-sempliċita` tagħha, libera minn kull ħaġa oħra.
- Fil-Grieg hemm żewġ verbi għall-verb tagħna "ħabb". Dawn huma "fileo" u "Agapao". Il-verb "fileo" ifisser "tkun ħabib ta' xi ħadd" (minn "filia"). Filwaqt li l-verb "Agapao" ifisser "tħobb billi tkun lest li tagħti



ħajtek". Fl-ewwel mistoqsija jgħidlu: "*Xmun bin Ġona, tħobbni int (agapas me) aktar minn dawn?*" (Ġw 21,15). Pietru, b'umiltà kbira fuqu, jirrispondi: "*Mulej, int taf li nħobbok* (filo se)!". Fi kliem ieħor, Pietru jgħid lil Ġesu`: "*Mulej, int taf li nixtieq inkun ħabib tiegħek!*". Pietru issa jaf li mhux kapaċi jħobb billi jagħti ħajtu għal Ġesu`. Xi jiem qabel, Pietru kien stqarr: "*Għalik jien nagħti ħajti!*" (Ġw 13,37). Minn din ir-risposta ta' Pietru jidher li l-esperjenza tad-dnub u tal-falliment personali kienet neċessarja biex jagħraf il-verita` fuqu nnifsu, jagħraf il-faqar ta' qalbu. Jinduna bid-differenza li hemm bejn il-paroli u l-fatti fl-imħabba tiegħu lejn Ġesu`. Fit-tieni domanda għandna ripetizzjoni ta' l-ewwel waħda. Ġesu` jistaqsi lil Pietru: "Agapas me", u Pietru jirrispondi "Filo se".

- Fl-aħħar domanda Ġesu` ma jistaqsix lil Pietru jekk hux lest li jagħti ħajtu għalih, iżda jistaqsih jekk iridx ikun ħabib tiegħu. Ġesu` issa juża l-istess verb li juża Pietru: "*Xmun bin Ġwanni, tħobbni* (fileis me)?". U Xmun iwieġeb bl-istess verb "Filo se", "*inti taf kollox, inti taf li jiena nħobbok!*" (17). Ġesu`



jbaxxi t-tir ta' l-imħabba li jitlob mingħand Pietru. "Anke jekk l-imħabba tiegħek tasal biss sal-ħbiberija! Ma jimpurtax, jien xorta nagħti ħajti għalik!"

- "*Irgħa n-nagħaġ tiegħi!*" (Ġw 21,15.16.17.): Ġesu` jafda lil Pietru. Pietru jinduna li l-mixja tiegħu wara Ġesu`, is-sejħa ta' tliet snin qabel kienet att ta' mħabba gratuwita ta' Ġesu` lejh. Pietru jifhem li l-imħabba li Ġesu` għandu għalih tmur lilhinn mill-imġieba tiegħu. Ġesu` jistieden lil Pietru għall-imħabba li lesta li tmut għall-ieħor. Din l-imħabba hija konkreta - jesprimiha fl-imħabba lejn l-oħrajn. Hija mħabba mingħajr limiti, mill-ħrief - l-aktar li għandhom bżonn - il-batuti sal-adulti. L-imħabba ta' Ġesu` għal Pietru hi hekk kbira li tgħin lil Pietru jagħmel paċi miegħu nnifsu, mad-debolezza tiegħu. Pietru jagħmel paċi mal-komunita` tiegħu u mal-missjoni tiegħu. L imħabba kbira li biha ħassu maħbub għenet lil Pietru jistaqsi lilu nnifsu dwar il-kapaċita` tiegħu li jħobb. L-umanita` ta' Pietru li kienet mfarrka wara l-esperjenza taċ-ċaħda, terġa' tinbena quddiem il-fiduċja u l-imħabba li jurih Ġesu`.

## 3. Meditatio

- Id-dixxiplu jista' jħobb lil ħutu biss, jekk jagħraf l-imħabba kbira li għandu lejh l-imgħallem tiegħu.
- In-nisrani leader, qatt ma jordna jew jobbliga, iżda jaġixxi skond il-konvinzjonijiet tiegħu u b'hekk iħajjar lill-oħrajn u jagħtihom eżempju.
- Spiss nimpenjaw irwieħna u naħdmu għall-ġid, imma ma' tantx naraw frott. Aktarx li nkunu ħsibna għal kollox barra li nfittxu li nwettqu dak li jixtieq Ġesu` minna.
- Nagħmlu ħafna frott jekk l-għemil tagħna jkun frott l-ubbidjenza għall-Kelma ta' Ġesu`.
- Ġesu` jistedinna biex nieklu miegħu fl-ikla Ewkaristika. Il-ħidma fil-knisja trid tkun att ta' ubbidjenza lejn il-Kelma ta' Ġesu` u mmotivata bil-qawwa tal-imħabba ta' Ġesu` fl-Ewkaristija.
- Ġesu` ifakkar lil Pietru u lilna li hu iħobbna b'xejn. Fi kliem ieħor jilqagħna bil-ħtijiet tagħna, meta aħna sinċieri miegħu u magħna nfusna.
- Hija l-imħabba tiegħu għalina, u l-imħabba tagħna lejh li timmotivana biex inħobbu lill-ħutna.

## 4. Oratio

- Fit-talb ipprova staqsi lil Ġesu` x'jixtieq minnek f'dan il-mument partikolari ta' ħajtek. Jekk l-azzjoni tiegħek titlaq mill-Kelma tiegħu, żgur li tħalli l-frott.
- Fit-talb isma' lil Ġesu` jagħmillek l-istess mistoqsija li għamel lil Pietru: *Tħobbni int aktar minn dawn?* X'risposta ser tagħtih?

## 5. Contemplatio

- Isma' lil Ġesu` jistiednek għandu għall-ikel: *Ejjew kulu xi ħaġa.*
- Ġesu` jixtieq l-imħabba tiegħek, hekk kif xtaq dik ta' Pietru.
- Agħraf fis-skiet ta' qalbek l-imħabba u l-aċċettazzjoni ta' Ġesu` lejk.

## 6. Actio

- Ipprova aġixxi bl-imħabba li għadek kemm irċevejt mingħand il-Mulej Ġesu` Rxuxtat.♦

# Marija: il-Mara tat-"Tielet Jum"

*mill-Arċ. Carmelo Refalo*

- ***Ir-rapport bejn il-Madonna u l-Għid tal-Mulej***

Marija hi marbuta mal-ġrajja tat-"tielet jum". Fil-ġrajja tal-Irxoxt lil Marija nistgħu nsejħulha, l-Omm tal-Għid Imqaddes, minħabba li hi marbuta mal-misteru tal-Għid ta' Kristu u tal-Knisja.

Ħafna jagħmlu l-mistoqsija (fi kliem l-Arċisqof Mons. Tonino Bello ta' Molfetta fl-Italja) kif il-Vanġelu filwaqt li jitkellem dwar id-dehriet ta' Kristu Rxoxt lil bosta nies, jiskot meta jiġi biex jitkellem minn dehra ta' Kristu



Rxoxt lil ommu Marija. Il-Vanġeli kanoniċi ma jitkellmux dwar id-dehra ta' Ġesu` lil ommu, madankollu jitkellmu l-kotba apokrifa ta' Gamljali u ta' Bartilmew biex jixtħu dawl ta' rwol superjuri minn dak ta' Pietru u ta' Marija ta' Magdala.

*"Kif Marija hi l-unika waħda preżenti fil-ġrajja unika tal-Inkarnazzjoni biex il-Verb uniġenitu jidħol fid-dinja hekk issa fil-ħruġ ta' Ġesu` mill-ġuf verġinali tal-Blat tal-art (mill-qabar li fih ħadd ma kien għandu ma tqiegħed qabel) kellha tkun il-mara li fuqha xeħet ħarstu l-Irxoxt, il-bniedem magħmul Alla, ix-xhud tiegħu fil-qawmien. L-oħrajn huma xhud tal-Irxoxt. Marija hi xhud tal-qawmien."*

- ***"Il-mixja ta' 50 jum"***

**San Ġwann Griżostmu** (ċ. 347-407) li kien patrijarka ta' Kostantinopli bejn is-sena 386-397, imfaħħar fil-predikazzjoni tiegħu bħal "fomm tad-deheb", jgħid: *"Ejjew u araw il-qabar vojt! Ejjew araw il-post fejn kien tqiegħed. Hawnhekk issibu is-sinjal tal-qawmien tagħkom mill-imwiet ... ejjew araw il-post fejn inżergħet iż-żerriegħa tal-immortalita` ..."*[1]


Il-Knisja tal-Qawmien ta' Kristu

**Eżekju ta' Ġerusalemm** (451 A.D.) raheb ta' stima u predikatur f'Ġerusalemm ixebbaħ l-ewwel ġuf ta' Marija mal-ġuf tal-art. "*Moħbi fl-ewwel ġuf tal-ħajja huwa qaddes il-ħajja umana bi twelidu: moħbi fil-ġuf tal-art hu ta l-ħajja lill-mejtin permezz tal-qawmien.*"[2]

**San Ambroġ**, l-Isqof ta' Milan ixebbaħ lil "*Marija li **tħaffef** biex tmur għand Eliżabetta għax il-ġrajja tal-Ispirtu s-Santu ma tafx b'telqa.*" Waqt li jagħmel il-kummentarju għall-Vanġelu ta' San Luqa jgħid li ż-żewġ nisa jimtlew bl-Ispirtu s-Santu u jingħataw id-don tal-profezija.

Fi kliem **Origene** il-kelmiet ta' Marija "*kull nisel isejjaħli hienja*" fil-kant tal-*Exultet* li jinstema fil-lejl qaddis tal-Għid, dan il-kliem jilħaq il-milja tiegħu. "*Ifraħ mimlija bil-grazzja.*" Għalfejn l-anġlu selmilha b'tislima ġdida? Għal Origene din it-tislima mhix qed tasal lill-bniedem kwalunkwe – din hi tislima speċjali għax Marija biss kellha riservata għaliha din it-tislima – għax hi l-mara tal-Għid il-ħamsin, il-mara tal-Pentekoste.[3]

Mhux darba jew tnejn il-Missirijiet tal-Knisja attribwew kelmiet li l-Iskrittura taghti lill-Knisja bħala kelmiet jew espressjonijiet li joqgħodu għal Marija.

**San Ambroġ**, l-Isqof ta' Milan, fil-ktieb "*De Institutio Virginis*" jiddeskrivi s-sbuħija tal-kelmiet mogħtija lill-Knisja bħala kelmiet li ġew profetizzati għal Marija.[4]

**Onorio** minn Atun fil-ktieb "*Sigillum Beatae Mariae*" juri kif il-Verġni Mbierka hi x-xbieha tal-Knisja.

Bħalma Marija ssir omm u tibqa' Verġni bl-opra tal-Ispirtu s-Santu, hekk il-Knisja kuljum twelled ulied ġodda lil Alla fis-Sagrament tal-Magħmudija. Marija ġġenerat il-ħajja fil-ġuf matern tagħha. Il-Knisja tiġġenera l-ħajja permezz tas-Sagramenti. ♦

**Riferenzi**

1 San Ġwann Griżostmu, *Omelija tas-Sibt Imqaddes*, PG 88, 1859-1866.
2 Eżekju ta' Ġerusalemm, *Omelija tal-Għid*, SC 187, 66-69.
3 Cf. Origene, PG 13, 1815-1816.
4 Cf. San Ambroġ, *De Institutio Virginis*, Kap. 4 n. 89.


Mudell ta' kif kien il-qabar ta' Kristu

# L-Arti Simbolika fis-Santwarju Ta' Pinu



minn Dun Joseph Bajada

## L-Anġli



Fl-Arti tal-Knisja oċċidentali, il-misteru ta' Marija mtellgħa s-sema bir-ruħ u l-ġisem, huwa dejjem imdawwar bl-anġli jimbuttaw 'il fuq lejn is-sema, jekk mhux saħansitra b'korijiet u qtajja sħaħ minnhom, igħannu, idoqqu u jfaħħru 'l Alla fid-dħul tar-Reġina tagħhom fl-għamara li tħejjiet għaliha sa minn qabel il-ħolqien tad-dinja. F'dan l-ispazju tas-Santwarju,



il-preżenza ta' l-anġli mihiex nieqsa. Fil-fatt minbarra fl-anġli li jagħmlu parti mill-istatwa ta' Santa Marija, seba' bustijiet t'anġli idawwru l-ewwel ark kbir tal-bieb, is-seba' spirti t'Alla, is-seba' anġli li qiegħdin quddiemu (ara Apk 3, 1; 8, 2). Fuqhom, ħames twieqi żgħar, jirrappreżentaw lit-tlett arkanġli, serafin u anġlu ieħor mil-liturġija tas-sema. Sitt anġli oħra magħmula fil-mużajk jagħmlu parti mill-invokazzjonijiet litaniċi li qed idawwru l-'abside'. U fl-aħħarnett, żewġt anġli oħra fuq il-kolonni li qiegħdin iservu ta' daħla għall-kappella Ta' Pinu.

## It-Twieqi



Eżatt fuq l-istatwa ta' Santa Marija, tieqa kkulurita ġġib ix-xbieha ta' l-arkanġlu **San Mikiel** li flimkien ma l-anġli tiegħu tqabdu mad-dragun l-anġli tiegħu u peress li ma kellhomx ħila jegħlbu, ma kienx hemm iżjed post għalihom fis-sema. Għalhekk, is-serp tal-qedem, il-qarrieq tad-dinja kollha, ġie imwaddab fuq l-art flimkien ma' l-anġli



tiegħu. Ir-rebħa ta' l-Irxoxt fuq id-dnub u l-mewt, li tagħha Marija tgawdi l-ewwel frott, għad isib il-milja tagħha fl-aħħar taż-żmenijiet meta il-leħen qawwi fis-sema għad jgħid, *"Issa ġiet is-salvazzjoni u l-qawwa, u s-Saltna ta' Alla tagħna u s-setgħa tal-Messija tiegħu, għax twaddab 'il barra dak li jixli 'l ħutna, li lejl u nhar jixlihom quddiem Alla tagħna. U huma ħarġu rebbieħa fuqu permezz tad-demm tal-Ħaruf u bis-saħħa tal-kelma li xehdu, u ma għożżewx ħajjithom minkejja saħansitra l-mewt".*

Fuq ix-xellug, tieqa oħra bl-arkanġlu **San Rafel** flimkien maż-żagħżugħ Tobija (ara Tob 6, 1), li skond l-Iskrittura huwa l-anġlu li jdewwi bil-qawwa t'Alla. Dan l-arkanġlu qrib ix-xbieha ta' Marija, ifakkar li Marija hija 'l-ispiżjara' li pprovdiet il-mediċina għall-mard tal-bnedmin kollha, hija Omm l-istess tabib ta' kull min hu marid (ara Mt 9, 12). U min mhuwiex marid?



Ħdejn it-tieqa ta' San Rafel, l-aħħar tieqa fuq ix-xellug tirrappreżenta **Serafin,** spirtu fil-ġerarkiji superjuri, li ismu jfisser, "dak li jaħraq". Dan l-ispirtu għandu erba' ġwienaħ u xi drabi jkun b'sitta, li skond Isaija 6, 2 iservuh biex bi tnejn jgħatti wiċċu, bi tnejn jgħatti riġlejh, u bi tnejn jittajjar.

Jekk imbagħad nerġgħu lura għat-tieqa ta' San Mikel u mmorru fuq in-naħa l-oħra, hemm it-tieqa bi xbieha ta' l-arkanġlu **San Gabrijel** bil-ġilju f'idejh, il-ħabbar t'Alla, li kien mibgħut minnu u daħal għand ix-xebba li kien jisimha Marija bl-aħbar it-tajba tat-twelid ta' Ġesu' Kristu.

L-aħħar tieqa għandha xbieha ta' **anġlu mil-liturġija tas-sema,** liebes l-ilbies liturġiku, biċ-ċensier tad-deheb f'idejh, biex flimkien ma' l-inċens joffri t-talb tal-qaddisin kollha fuq l-artal tad-deheb ta' quddiem it-tron (ara Apk 5, 9; 8, 3). ♦



# Il-Mara ta' Sibt il-Għid

**minn Dun Nazju Borg**

***"Għaliex fil-Vanġelu ma nsibu l-ebda rakkont li jitkellem mid-dehra ta' Kristu Rxoxt lil Ommu Marija?"***

Naħseb din il-mistoqsija għamilnija xi darba. Tajjeb ngħidu li l-aħħar Vanġelu li nkiteb kien dak tal-Evanġelista Ġwanni, id-dixxiplu li laqa' għandu lill-Verġni Marija. L-Evanġelista jgħalaq il-Vanġelu tiegħu b'dan il-kliem: *"Dan huwa d-dixxiplu li qiegħed tagħti xhieda għal dan kollu u li kiteb dawn il-ħwejjeġ, u aħna nafu li x-xhieda tiegħu hi minnha. Iżda hemm ukoll bosta 'ħwejjeġ oħra li għamel Ġesu'. Li kieku wieħed kellu jikteb kollox 'ħaġa b'ħaġa, naħseb li anqas id dinja stess ma kienet tesagħhom il-kotba li kienu jinkitbu" (21, 24-25).*

Fil-Ħajja tal-Knisja huma diversi dawk il-kittieba antiki li jwieġbu għall-mistoqsija tagħna b'mod affermattiv. Insemmu fosthom lill-Isqof Girgor ta' Nikomedja li għex fis-seklu disa'. F'waħda mill-omeliji tiegħu huwa jgħatina raġunijiet tassew sbieħ għaliex hu jżomm li Kristu, hekk kif qam mill-mewt, l-ewwel li deher kien lil Ommu Marija. Naqraw mela b'attenzjoni dak li ħallielna dan l-isqof.

## Qari mid-diskorsi ta' Gregorju ta' Nikomedja, Isqof

Ser nitkellmu dwar il-preżenza ta' l-Omm kuraġġjuża fuq il-qabar ta' Binha. Fil-fatt, meta l-oħrajn kollha telqu lejn darhom, hi biss, l-Omm, mimlija bin-nar ta' l-imħabba u b'fidi u kuraġġ sodi, baqgħet ħdejn il-qabar. Insiet l-ikel u l-irqad u bdiet idduq il-benna tal-qawmien.

Għalhekk l-Omm biss kienet xhud ta' dak li ġara qabel il-qawmien. Hi biss rat it-terremot ħelu u ta' faraġ li qajjem il-mejtin ta' snin qabel u raqqad lill-għassiesa li kienu mal-qabar.

Għalhekk naħseb li lilha l-ewwel li ngħatat l-aħbar tal-qawmien. Fil-fatt, bħalma ferħet fl-Inkarnazzjoni, hekk qabżet bil-ferħ għad-dehra u d-dawl ta' Binha mqajjem mill-mewt. Kienet l-Omm: lilha kienu afdati l-misteri ta' l-Inkarnazzjoni; issa lilha biss il-Mulej wera l-għeġubijiet tal-qawmien. Lilha għarrafha aktar milli għarraf lill-appostli u

lin-nisa twajba, aktar milli setgħu jifhmu l-anġli. Għalhekk, malajr u qabel kulħadd, iddawlet bid-dija ferrieħa tal-qawmien.

Jixraq għalhekk, f'dan il-jum ta' ferħ, nibdew ngħannu r-radd ta' ħajr li hija għanniet ħdejn il-qabar. Hija fil-fatt għaddiet fil-ġabra interjuri ż-żmien ta' qabel il-qawmien, waqt li terġa' ġġib quddiem għajnejha u timmedita dan il-misteru kbir. Kienet titkellem ma' Dak li kien wettaq il-pjan divin, u fis-skiet kienet tgħidlu:

"Mulej, fin-natura tiegħek ta' Alla inti la tista' tbati u lanqas tmut, imma bħala bniedem batejt fin-natura tagħna. Issa tinsab fil-ġuf ta' l-art, int li ma tħallix id-dar tal-Missier. Id-dinja kollha ma tistax tesa' d divinita' tiegħek, waqt li qabar qed jagħlaq lil ġismek".

Jilqgħuk ferrieħa l-erwieħ tal-ġusti; b'għanjiet ta' ferħ isejħulek Feddej. Imdawla mid-dija tiegħek ixandru l-imħabba tiegħek għall-bnedmin. Uri lil dawk li jgħixu fid-dinja s-sinjal tar-rebħa tiegħek. Int li, għax ma tidhirx tinsab kullimkien, uri ruħek fis-sbuħija li għandek. Imla l-art kollha bid-dija tal-qawmien tiegħek. Ieqaf fuq saqajk, int li ma tistax tkun marbut fid-divinita'. Stenbaħ għalhekk, int li tgħasses bla ma torqod matul is-sekli. Qum u ddawrek bit-tifħir il-ġemgħa tal-popli. Qum biex tidħol għall-foqra tiegħek, biex ixxerred il-qawwiet ta' kontrik. O Xemx tal-ġustizzja, ħoll ir-raġġi tat-twelid ġdid tiegħek. Ħa jidhru quddiem id-dinja d-dwal tar-rebħa tiegħek; ħa tkun magħrufa minn kulħadd il-fidwa tiegħek. "Ħa jaraw il-foqra u jifirħu" (salm 68, 33).

M'hemmx li jien ukoll nara l-wiċċ li tant nixtieq tal-Mulej. M'hemmx li jien ukoll nikkontempla s-sbuħija ta' l-għaġeb ta' l-Iben Divin. M'hemmx li nara tqum il-glorja t'Alla. M'hemmx li nisma' mill-ġdid il-leħen tiegħu, isemma' kliem ħelu u mimli grazzja.

Bħalma fi twelidek tajt il-ferħ l-ewwel lil Ommok, hekk idher lilha l-ewwel biex tħabbrilha l-ferħ tal-qawmien. Idhrilha, int li dejjem tibqa' magħna biex ma tħallihiex tintrebaħ."

Waqt li l-Verġni esperta t'Alla kienet qed tkanta u titlob b'dan il-kliem, l-Iben uriha d-dija tal-Qawmien. U peress li huwa dmir tweġġaħ lil ommok, huwa onoraha billi l-ewwel deher lilha. Kien jixraq fil-fatt li dik li lilna ġabitilna l-milja tal-ferħ, tkun l-ewwel li tilqa' l-ferħ tad-dinja. Hi li lilha ġew afdati l-misteri tas-sema; hi li fil-passjoni ta' Kristu nifdulha qalbha bosta sjuf. Kien jixraq li, bħalma kellha sehem fit-tbatijiet ta' l-Iben, idduq minn qabel il-ferħ tas-sema.

O Marija, illi kont l-ewwel waħda li rajtu u xandartu, imla lil qalbna bid-dija ta' Kristu, dawl l-aktar ħelu tagħna. Lilu l-glorja, l-unur u r-radd ta' ħajr, mal-Missier u ma' l-Ispirtu s-Santu, issa u għal dejjem ta' dejjem. Amen.

*(Diskors 9, Il-Verġni Marija ħdejn il-qabar, PG 100,1489-1504)*





English Corner

# Mary and our joy of Easter

Rev. Emanuel Magro

*"...Christ has been raised from the dead, the first fruits of those who have fallen asleep. For since death came through a human being, the resurrection of the dead came also through a human being. For just as in Adam all die, so too in Christ shall all be brought to life, but each one in proper order: Christ the firstfruits; then, at his coming, those who belong to Christ; then comes the end, when he hands over the kingdom to his God and Father, when he has destroyed every sovereignty and every authority and power. For he must reign until he has put all his enemies under his feet. The last enemy to be destroyed is death..."* (1 Cor 15:20-26).

It is very intriguing that we do not know for sure that Jesus after his resurrection appeared to his mother, Mary None of the evangelists reports in his gospel that Jesus appeared to the one who bore him. John, the Evangelist, presents Jesus on the cross entrusting his mother to his beloved disciple. Yet, in John's gospel there is no mention that the risen Lord appeared to Mary or that she was present at Jesus' appearances to the disciples. Luke gives great importance to Mary throughout his gospel. However, when it comes to Jesus' appearances after his resurrection, there is not a single reference to her. Never the less he does mention her by name and as being present in his account of the outpouring of the Holy Spirit on the young Church at Pentecost (see Acts of the Apostles 1:14 and 2:1-4). One does not find any reference to Mary after Jesus' death in the gospel according to Matthew and in that of Mark. Paul mentions that after his resurrection Jesus appeared to some of his disciples and to a group of 500 disciples (see 1 Cor 15). Still Paul does not seem to know anything about an appearance of Jesus to his mother.

If the Bible is silent about the relationship between Mary and her son after his resurrection, the Church's Tradition is not. From the earliest centuries of Christianity Christians believe that Mary was assumed into heaven with body and soul. She already shares in the fruits of the resurrection of her son. By rising from the death, Jesus conquered death and transformed human life. Through his death and resurrection he gave birth to a new life for the human race. His resurrection reveals the consecration and the saving of the whole human person. Humans exist for all eternity. In light of Jesus' resurrection human death transforms the person's state of living. Death is a transitional process through which all humans are to pass so as to participate in full in the new life disclosed by Jesus' resurrection.

Mary's assumption into heaven is only possible because of the resurrection of her son. He, her first born, calls his mother to be the first human person to participate in full in this new life. She now lives in heaven in union with her son.

Jesus' resurrection also discloses the true and ultimate destiny of the human race. Humans now know that their true happiness is to share in God's divinity. Their goal is not to be found here on earth. They are called to live in God's presence for all eternity. They are to consider themselves as pilgrims on earth on their journey toward heaven their true home. Jesus' resurrection illuminates them with the knowledge that sin and evil do not have the last word. Jesus' rising from the death empowers them to overcome all forms of iniquity and to endure adverse situations they may encounter.

Mary too encountered evil in her life. Her life as the mother of the Saviour and the Redeemer of humanity was punctuated with moments of great wickedness. King Herod sought the life of her son still an infant. She had to flee and live in a foreign land. She could not understand fully her son's ministry in preaching the coming of God's kingdom. People said that he lost his mind and she sought him out to talk with him (see Mark 3:21). But the worst experience was for her to stand at the foot of the cross. She saw her own son succumb to the most horrible and agonizing punishment of death by crucifixion. In moments like these Mary stood firm. She believed. She trusted her life in God's hands. By believing and trusting she conquered evil and death. With the apostles and other disciples she rejoiced in the resurrection of her son and was once again filled with the Holy Spirit at Pentecost.

Easter is a season of joy. It celebrates Jesus' victory over death and sin. It reveals to us our own true dignity as human beings and our true destination. Through her assumption into heaven, Mary has already experienced that what awaits us. Like her one day, when our turn comes, our life will be transformed into a glorious state. We will live with her in union with her Son in the glory of the Father and in the everlasting love of the Holy Spirit. ♦

# Ħsibijiet Marjani



**mill-ktieb**
**ta' l-Isqof Don Tonino Bello**
**miġburin minn A.C.M.**




# Marija Omm is-Serħan

Marija, Omm is-Serħan: hekk ġieni f'moħħi li nsejħilha lil Sidtna Marija meta rajt pittura ta' Raffaello li tirrappreżenta lill-Madonna bil-qiegħda, b'Ġesu` tarbija mistrieħ fi ħdanha u Ġużeppi rieqed f'rokna ma' genbhom.

Xi ħlewwa tara lill-Madonna tbennen liċ-ċkejken Ġesu`! Ma narahiex bi kbira li hija wkoll kienet tgħannilu xi taħnina biex jorqod. Bħalissa qed jaħbat ma' moħħi l-innu, "Il-Benniena ta' Ġesu`" ta' Indri` Schembri S.J. li jiftaħ bil-vers: Ninni la tibkix iżjed - innu li daħal fi qlub il-Maltin u li, kbar u żgħar, ikantawh fil-ġranet tal-Milied. Versi folkloristiċi ta' din l-għamla nsibuhom ukoll f'diversi lingwi.

Il-Madonna hija tabilħaqq omm is-serħan. Bla dubju Ġesu` ħa l-isbaħ tagħlimiet u l-isbaħ eżempji m'għand ommu Marija ta' kif għandu jġib ruħu man-nies. "Ejjew f'post imwarrab ħa nistrieħu ftit": Min jaf kemm-il darba qallhom hekk Ġesu` lill-appostli meta kien jarahom li għajjew. "Ejew għandi intom ilkoll li tinsabu mħabbtin u mtaqqlin u jiena nserraħkom.": Hekk ukoll, bl-istess ħlewwa u mħabba, kien jistieden u jiġbed għal warajh il-folla għajjiena.

## TALBA

Nitolbuk, Imqaddsa Marija, Omm is-Serħan, inżel ħdejna, serraħna u farraġna, meta ngħaddu xi lejl imqajma. Kemm tarah twil il-lejl meta ma tkunx tista' tagħlaq għajn m'għajn! L-iktar sodda ratba ssir qisha gradilja li jixwu l-ikel fuqha. L-inbiħ tal-klieb jiġġerrew barra jidwi f'widnejna qisu xi karba kiebja. It-tokki sodi tal-arloġġ tal-kanpnar idejquna. Kemm jgħaddi bil-mod il-ħin! Kemm idum ma jisbaħ!

Iva Madonna, inżel u wennes

(i) lil dawk kollha li jinsabu weħidhom, m'għandhomx ma' min jgħidu kelma, ma' min jiftħu qalbhom.

(ii) lil dawk l-imsejkna li sfaw bla saqaf fuq rashom, qed ifittxu xi rokna mwarrba fejn forsi jkunu jistgħu jimteddu u jistrieħu; xi



drabi mank daqsxejn ta' kutra ma jkollhom biex jitgħattew biha fil-kesħa tal-lejl.

(iii) lil dawk l-imnikkta li jinsabu mifnija bl-inkwiet. It-tħassib żejjed qed itaqqlilhom ruħhom; qed jgħaddu ljieli sħaħ jitqallbu, ma jistgħux isibu rpos.

(iv) lil dawk il-ħaddiema li jafu li jridu jbakkru imma l-ansjeta' qed ittellifhom l-irqad.

Fl-aħħarnett, O Madonna, tinsiex il-morda li hemm fid-djar, fl-isptarijiet jew l-istituti. Arahom, il-lejl kollu, aktar imqajma milli rieqda; l-uġigħ qed ibattihom u jgħakkishom.

*******

Imqaddsa Marija, Omm is-Serħan, nixtieqNitolbuk ukoll għal dawk kollha impenjati fl-apostolat, fix-xandir tal-Evanġelju. Kultant narawhom għajjenin mejta, qalbhom maqtugħa. Donnhom jagħtihom li jgħidu bħal San Pietru: "Ħdimna l-lejl kollu u ma qbadna xejn." Iva, għidilhom kelma ta' kuraġġ! Iftħilhom għajnejhom biex jieħdu daqsxejn ta' brejk. Waqqaf il-ferneżija li donnha qabdithom. Insew li ż-żejjed bħan-nieqes. Iż-żelu pastorali, meta huwa eċċessiv, iħassarlek saħħtek. Urihom darba għal dejjem li l-Mulej ma jogħġbux l-istress fl-apostolat; għalih dan l-istress mhuwiex xi inċens ifuħ. Ħajjarhom jaqbdu l-brevjarju u jimmeditaw is-Salm 126, speċjalment dawn il-versi li ġejjin: "Ma jiswielkom xejn li tbakkru jew li ddumu ma tistrieħu u li tieklu ħobż it-tbatija, għax il-Mulej jipprovdi lill-għeżież tiegħu." Iva, fehemhom ftit li l-Mulej ma jridniex ninqatlu bix-xogħol, imma jridna naħdmu bil-qies. Jekk tassew inħobbuh, Huwa lest li jagħtina kulma jkollna bżonn. Għalhekk, wara li nkunu għamilna dmirna, inħallu r-riżultat f'idejn Alla. U Alla żgur li jbierek u jkattar ix-xogħol tagħna.

********

Imqaddsa Marija, Omm is-Serħan, għallimna napprezzaw Jum il-Ħadd u nqisuh bħala jum ta' mistrieħ. Għinna niskopru mill-ġdid il gost li kienu jieħdu missirijietna meta kienu jintasbu fuq iz-zuntier tal-knisja jew fuq xi bank, jitkellmu bejniethom bil-kwiet u l-kalma kollha.



Iftħilna għajnejna ħa neħilsu mit-taħbit żejjed, ħa nnaqqsu mill-ġiri sfrenat tal-ħajja; xi drabi bilkemm nafu fejn sejrin. Nistħajlek iċċanfarna bi kliem il-ħarruba xwejħa meta rat l-għaġla tan-nies għaddejjin :

*Kemm huma mgħaġġlin,*
*Fejn huma sejrin*
*Għal dejjem bla sabar*
*Min-nieqa sal-qabar*
*Dal-ħalja bnedmin?*
*Għaliex ftit mistrieħ*
*Għalihom ma hemmx,*
*U l-leħma biss tagħhom*
*Il-ħajja tas-suq ?*

(Quo Vadis? - R. Briffa )

Ippwerswadina li s-sigriet tal-paċi interjuri niksbuh biss meta nagħrfu ngħaddu ftit ħin ma' Alla l-Imbierek. Alla dejjem magħna; lejl u nhar ma jitlaqniex minn taħt għajnejh. Mhix ħaġa kbira li ngħaddu xi waqtiet miegħu aħna wkoll. Żgur li l-ħin li ngħaddu miegħu ma jkunx ħin moħli.

## Kelma tal-aħħar

Għalhekk, O Marija, Omm is-Serħan, jekk filgħaxija niddawru ma nidħlu d-dar wara ġurnata ta' ġiri u taħbit, stenniena fil-bieb tad-dar ħa ngħidu kelma flimkien.

Għalkemm forsi mfarrkin bil-għejja, ejjew naqbdu l-kuruna tar-rużarju u nitolbu din it-talba tant għażiża. Iva, ir-Rużarju jfisser titlob lil Marija u ma' Marija.

U jekk meta jroxx d-dlam, xi wħud minna ma jsibux mħadda fuqiex isserrħu rashom, offrilhom spallejk, O Madonna, biex imħaddnin miegħek, itaffu l-għejja tagħhom, u hekk, f'ħajjet Alla, jorqdu raqda fil-kwiet u fis-sliem.♦

*Ħajr lis-Sur Ġorġ Cassar*



# liem Għalik

*mill-Eċċ. Tiegħu Mons. Nikol Ġ. Cauchi*

## Talba ta' SanAtanasju ta' Lixandra

**Sant'Atanasju, Isqof ta' Lixandra (295 - 373)**



Sant'Atanasju, Isqofta' Lixandra, fl-Eġittu kien Duttur tal-Knisja u wieħed mis-Santi Padri. Twieled f'Lixandra madwar is-sena 295 u miet hemm ukoll. Hu kien wieħed mid-difensuri ewlienin tal-fidi nisranija kontra l-ereżija ta' Arius. Huwa ħa sehem bħala djaknu fil-konċilju ta' Nicea tas-sena 325 u serva bħala segretarju ta' l-Isqof Alessandru u mbagħad laħaq Isqof floku fis-sena 328.

L-Arjani imlew l-Imperatur kontra tiegħu u dan eżiljah fit-Trier, iżda reġa rritorna f'pajjiżu wara li appella għand il-Papa Ġulju I. Għal erba' darbiet, bejn is-sena 335 u 366 l-egħdewwa ġagħluh jitlaq mid-djoċesi tiegħu imma fl-aħħar irritorna u miet hemmhekk fit-2 ta' Mejju 373.

Huwa baqa' magħruf għall-ħeġġa tiegħu biex jiddefendi id-divinita` ta' Kristu u għalhekk bir-raġun kollu jsejħulu *"Il-Missier ta' l-Ortodossija."* Fost l-opri tiegħu ta min isemmi l-*"Apoloġija kontra l-Arjani"*, il-ħajja ta' Sant'Anton Abbati, l-ittri sinodali u l-opra l-iktar magħrufa *"De Incarnatione"* fejn tissemma ħafna drabi l-Imqaddsa Verġni Marija.

Il-festa tiegħu hija ċċelebrata fit-2 ta' Mejju.

### Talba
**ta' Sant'Atanasju ta' Lixandra**

*Ja Verġni,*
*il-glorja tiegħek tiżboq*
*dak kollu li ġie maħluq.*
*Ja omm tal-Verb Alla,*
*x'hemm li jixbah il-kobor tiegħek?*
*x'hemm fil-ħolqien,*
*li nista' nxebbħek miegħu?*

*L-Anġli u l-Arkanġli t'Alla*
*huma sublimi,*
*iżda kemm inti*
*wisq akbar minnhom, O Marija.*
*L-Anġli u l-Arkanġli,*
*jaqdu bil-qima*
*lil Dak li kien jgħix fi ħdanek,*
*u ma jissograwx ikellmuh,*
*iżda inti titkellem miegħu*
*bil-liberta` kollha.*

*Aħna ngħidu li l-Kerubini*
*huma fil-għoli,*
*Iżda inti iktar fil-għoli minnhom;*
*il-Kerubini jerfgħu t-tron t'Alla,*
*Iżda inti terfa' lil Alla fuq dirgħajk.*

*Is-Serafini*
*huma qrib lejn Alla,*



***iżda iktar minhom, inti qrib lejH.***
***Is-Serafini jgħattu wiċċhom bi ġwinħajhom,***
***ghax ma jistgħux iħarsu***
***lejn il-glorja perfetta Tiegħu,***
***Iżda Inti mhux biss tikkontempla***
***s-sbuħija ta' wiċċu***
***Iżda wkoll tmellislu***
***u tmantnih bil-ħalib tiegħek.***
***Ammen.***

Sant'Atanasju ifaħħar il-glorja tal-Omm t'Alla u jqegħda fil-quċċata tal-ħolqien kollu. Iselmilha bħala "Omm tal-Verb Alla", jipprova jxebbaħha ma' l-aqwa fost il-ħlejjaq u dawn huma l-ispirti tas-sema.

Hu jibda' biex lil Marija isejħilha "wisq ikbar mill-anġli u mill-arkanġli" il-għaliex dak li huma jqimu u jaqduh b'distanza minnu, kien jgħix fi ħdanha u hi setgħet titkellem miegħu bħala ommu.

Ixebbaħha mal-Kerubini u jgħid li hi ogħla minnhom għax waqt li huma jerfgħu t-tron t'Alla hi refgħet fuq dirgħajha lil Alla magħmul tarbija.

Ixebbaħha wkoll mas-Serafini u jgħid li hija iktar qrib minnhom lejn Alla għax huma ma jistgħux jaraw il-glorja perfetta tiegħu u hi tikkontempla is-sbuħija t'Alla magħmul bniedem meta bħala omm kienet trejqu u tħaddnu magħha. ◆

# Mill-Ħajja tas-Santwarju



miġbura minn
**Ivan Attard**

## JANNAR 2009

**Is-Sibt, 3:** Fis-Santwarju tal-Madonna, ġiet iċċelebrata Quddiesa mill-W.R. Patri Renald Lofreda O.Carm., Viċi-Kappillan tal-Parroċċa tal-Madonna tal-Karmnu fil-Fgura, bis-sehem attiv ta' l-adoloxxenti u ż-żgħażagħ ta' l-istess komunita` parrokkjali.

**It-Tnejn, 19:** Ġiet iċċelebrata Quddiesa ta' Radd il-ħajr lil Alla minn Fr. Hayden bis-sehem tal-postulanti Kapuċċini.

**Il-Ġimgħa, 23:** Illum intemm irtir importanti li sar għas-saċerdoti żgħażagħ Maltin. B'turija ta' ringrazzjament lil Alla u lill-Verġni Marija għad-deċiżjonijiet importanti meħuda matul dawn il-mumenti ta' ġabra spiritwali, il-presbiteri Fr. Mario Buhagiar, Fr. Claude Portelli, Fr. Mario Said, Fr. Reuben Micallef, Fr. Joseph Grech, Fr. Michael Bellizzi, Fr. Dione Cutajar, Fr. John Muscat u Fr. Joe Mizzi iċċelebraw flimkien Quddiesa fil-Kappella tal-Madonna ta' Pinu.

**Is-Sibt, 24:** Illum saret it-Tifkira popolari tat-Tieġ tal-Verġni Marija. Għal din l-okkażjoni, fis-6.30pm, saret Quddiesa Solenni li tmexxiet mill-E.T. Mons. Nikol Ġ. Cauci, Isqof *Emeritus* tad-Djoċesi tagħna. Fl-omelija tiegħu, huwa tkellem dwar il-fatt inkwetanti li fil-ġurnata tal-lum, il-familja Maltija hija kontinwament attakkata minn influssi negattivi biex ma tibqax tgħix l-ideali tagħha ta' familja Nisranija. Quddiem din is-sitwazzjoni, il-familja nisranija għandha dejjem iżżomm f'moħħha s-sbuħija tas-Sagrament taż-Żwieġ; sagrament li joffri l-grazzja biex kull familja tibqa' tikber fl-imħabba u fil-fedelta` sabiex tkompli tgħix il-vokazzjoni (sejħa) tagħha. Fi tmiem iċ-ċelebrazzjoni, saret talba ta' affidament tal-familji miġbura lill-Madonna ta' Pinu.

**Il-Ħamis, 29:** Fis-6.30pm saret laqgħa ta' talb fis-Santwarju tal-Madonna ta' Pinu bħala għeluq ta' fażi oħra mill-Missjoni Djoċesana imnedija f'Għawdex fl-okkażjoni tas-Sena Pawlina.

*Pellegrinaġġi*:

**Il-Ġimgħa, 2:** Fil-bidu tas-sena l-ġdida, il-Komunita' "Dixxipli ta' Ġesu`" minn Milan (fl-Italja) żaret is-Santwarju f'pellegrinaġġ ta' talb.

**L-Erbgħa, 7:** Ġie organizzat Pellegrinaġġ fil-bidu ta-sena l-ġdida mill-Moviment Ewkaristiku tal-Parroċċa ta' San Ġwann l-Għammiedi (Xewkija) li kien jinkludi wkoll iċ ċelebrazzjoni tal Quddiesa. Mexxa Dun Ġwann Mizzi, Direttur Spiritwali.

**Is-Sibt, 10:** Saċerdot Ingliż għamel żjara lis-Santwarju tal-Madonna u mexxa Quddiesa ta' radd il-ħajr lil Alla f'għeluq is-17-il Anniversarju mill-Ordinazzjoni Saċerdotali tiegħu.

**L-Erbgħa, 21:** Fil-bidu tas-sena l-ġdida, grupp ta' pellegrini minn Għajnsielem għamlu żjara lis-Santwarju tal-Madonna u kellhom Quddiesa li bdiet fid-9.00am.

**L-Erbgħa, 28:** Membri ta' l-Azzjoni Kattolika mill-Parroċċa ta' San Girgor il-Kbir f'Kerċem organizzaw Pellegrinaġġ għas-Santwarju tagħna fl-okkażjoni tal-"Ġimgħa Azzjoni Kattolika". Mexxa l-pellegrinaġġ Mons. Girgor Grech, Direttur Spiritwali tal-grupp.

## FRAR 2009

**Il-Ħamis, 5:** F'dan il-jum qrib il-festa tal-Preżentazzjoni tal-Mulej fit-Tempju (il-Kandlora), l-E.T. Mons. Nikol Ġ. Cauchi, Isqof *Emeritus*,





ippresieda ċ-ċerimonja reliġjuża tal-preżentazzjoni tat-trabi lill-Madonna ta' Pinu f'attivita` organizzata mill-Azzjoni Kattolika Għawdex. Kien hawn preżenza numeruża.

**It-Tlieta, 10:** Solennita` tan-Nawfraġju ta' San Pawl f'Malta. Peress li din hija festa bl-obbligu tas-smiegħ tal-Quddies, l-orarju tal-Quddies kien bħall-ġranet ferjali b'żieda ta' Quddiesa oħra fl-10.00am. Filgħaxija, fis-6.30pm, saret Quddiesa bl-omelija ta' l-okkażjoni minn Dun Eddie Vella.

**L-Erbgħa, 25:** F'dan il-jum ingħaqadna mal-Knisja Kattolika fil-bidu taż-żmien penitenzjali tar-Randan - żmien liturġiku qawwi li jtul erbgħin jum u li jwassalna għall-Għid il-Kbir. Matul ir-Randan, fis-Santwarju tal-Madonna ta' Pinu, ittieħdu bosta inizjattivi fosthom il-*Via Sagra* fuq l-Għolja ta' Għammar kull nhar ta' Ħadd fit-3.30pm u l-*Via Sagra* meditata fil-Knisja kull nhar ta' Ġimgħa qabel il-Quddiesa tas-6.30pm. Matul l-Erbgħat tar-Randan saru żewġ meditazzjonijiet fuq it-Tagħlim ta' San Pawl.

Il-meditazzjoni ta' filgħodu saret minn Mons. Ġużeppi Cauchi waqt li dik ta' filgħaxija saret minn Dun Manwel Magro.

## MARZU 2009

**Is-Sibt, 7:** Dun Eddie Zammit, imdawwar bil-familja u l-qraba tiegħu, iċċelebra Quddiesa fis-Santwarju tal-Madonna ta' Pinu bħala att ta' ringrazzjament lil Alla.

**L-Erbgħa, 18:** Saret Quddiesa ta' radd il-ħajr lill-Madonna ta' Pinu f'għeluq id-disgħin (90) sena ta' Mrs. Josephine Masini. Il-quddiesa ġiet iċċelebrata minn binha Fr. Effie Masini.

**It-Tlieta, 31:** Saret Quddiesa ta' radd il-ħajr lil Alla minn Dun Ġorġ Vella bis-sehem ta' diversi parruċċani mill-parroċċa tal-Qalb ta' Ġesu` (Fontana) u mill-parroċċa ta' Marija Assunta (Żebbuġ Għawdex).

*Pellegrinaġġi*:

**It-Tlieta, 3:** Grupp imdaqqas ta' 24 persuna mill-Awstrija għamlu żjara lis-Santwarju Nazzjonali tal-Madonna ta' Pinu.

**Il-Ħadd, 8:** Ġie organizzat pellegrinaġġ mill-parroċċa ta' San Piju X f'Ruma. Dan il-pellegrinaġġ ġie konkluż b'Quddiesa fil-Kappella tal-Madonna.

**Is-Sibt, 14:** Sar pellegrinaġġ penitenzjali tar-Randan mill-Parroċċa ta' San Lawrenz (Għawdex). Waqt dan il-mument ta' talb, il-komunita` parrokkjali ta' San Lawrenz talbet lill-Verġni Mbierka għall-konverżjoni tal-midinbin kollha. Il-pellegrinaġġ intemm b'Quddiesa ċċelebrata mill-Kappillan Dun Nazju Borg.

**Il-Ħadd, 15:** F'dan il-jum ġew organizzati żewġ pellegrinaġġi penitenzjali tar-Randan. L-ewwel pellegrinaġġ sar mill-parroċċa ta' San Ġorġ Martri, Ħal-Qormi, b'radd il-ħajr lil Ġesu` Ewkaristija u lill-Madonna ta' Pinu. Dan il-pellegrinaġġ kien immexxi minn Carmel Bianchi.

Wara nofsinhar, sar il-pellegrinaġġ penitenzjali annwali mill-Parroċċa Arċipretali u Matriċi ta' Santa Marija taż-Żebbuġ Għawdex, liema pellegrinaġġ kien immexxi mill-Arċipriet Kan. Dun Reuben Micallef.

**Is-Sibt, 21:** Ġiet organizzata *Via Sagra* fuq l-Għolja ta' Għammar mill-Parroċċa ta' Santa Venera (Malta) immexxi mill-Kappillan Patri Alex Scerri O.Carm. Il-*Via Crucis* intemmet b'Quddiesa.

Bħala parti mill-irtir tagħhom tar-Randan li sar f'Dar Manresa (Victoria), il-grupp ta' *Old Aloysians Association* tal-Kulleġġ ta' San Alwiġi, B'Kara, għamlu żjara lis-Santwarju tal-Madonna ta' Pinu u ċċelebraw Quddiesa ta' ringrazzjament lil Alla. Mexxa Fr. John Scicluna SJ.

**Il-Ħadd, 22:** Sar pellegrinaġġ lejn is-Santwarju mill-Parroċċa ta' Marija Bambina (Xagħra) u mill-parroċċa ta' San Pietru u San Pawl (Nadur) fl-okkażjoni tar-Randan Imqaddes. Fit-3.30pm saret il-*Via Crucis* u fl-4.00pm bdiet Konċelebrazzjoni li tmexxiet minn Mons. Arċipriet Carmelo Refalo flimkien ma' l-Arċipriet Mons. Salvatore Muscat u numru sabiħ ta' saċerdoti minn dawn iż-żewġ parroċċi.

**It-Tlieta, 24:** Din il-ġurnata rat tliet pellegrinaġġi għas-Santwarju tal-Madonna. Il-parroċċa ta' Marija Reġina fil-Marsa u l-parroċċa ta' Santa Katerina taż-Żejtun organizzaw pellegrinaġġ penitenzjali tar-Randan. B'kollox kienu madwar 200 ruħ. Saret it-talba tal-*Via Sagra* u l-pellegrinaġġ intemm b'Quddiesa.

(ikompli f'paġna 33)




# Marian Stamps
## from around the world

by Anthony Grech
member of the Gozo Philatelic Society

## THE FIRST MARIAN STAMP IN THE WORLD

**Marian Philately** is but a part of religious philately, which in turn is a section of philately in general. The literal meaning of philately suggests "that a stamped letter frees the recipient from paying the mailing charges". Marian Philately deals with the collecting and studying of postage and imprinted stamps depicting the Blessed Virgin Mary or churches and places related to it. The first stamp appeared in 1840 in Great Britain, while various Christian motifs on stamps appeared during the early decades of the 20 century.






**The First stamp depicting the Blessed Virgin Mary is part of a set dated February 1920, issued in Bavaria.**

**Bavaria** (German Bayern,) has been a duchy, a kingdom until 1918, a republic, and later formed part of West Germany. At first the region was inhabited by Celts. Germanic tribes invaded it in the 500's. Bavarian dukes ruled the duchy from 911 to 1180. Napoleon made Bavaria a kingdom in 1805, but it became a state of the German Empire when Germany was unified in 1871. After World War I (1914-1918); it was briefly a republic, and then part of Germany again. The Allies invaded Bavaria in World War II (1939-1945), and U.S. troops occupied it after Germany surrendered. Later, Bavaria became a West German state. West Germany and East Germany unified in 1990.

Today Bavaria is the largest federal *state (Bundesland)* of Germany by area, forming almost 20% of the total land area of Germany. Its capital is Munich in Upper Bavaria. About 6.4 million of its population is Bavarian, 4.1 million Franconian and 1.8 million Swabian.

The kingdom of Bavaria issued its postage stamps from 1849 to 1920. In 1920 it issued the world's first stamps depicting the figure of Our Lady. This makes Bavaria the first country in the world to issue the first Marian stamps.

## The stamp issue






This first Marian issue consisted of 4 stamps with a common design, 4 different colours and 4 different values:

1 mark stamp was issued in Red and Grey
1 ¼ mark Blue and Brown
1 ½ mark Green and Grey
2 ½ mark Black and Grey.

## THE DESIGN

The stamps were designed by Artist: Sigmund Von Wech. The stamp design is simple but clear. It shows Our Lady holding her Infant Son on her left arm and holding a sceptre in her right hand. Jesus is holding an orb symbolizing that he is King of all that is in heaven and earth. Mary is seen looking at Jesus and standing on a crescent moon. The word Bayern in block letters is printed on a banner at the top of the stamp. A similar banner at the bottom of the stamp carries the value of each stamp... While the figure of Our Lady and Jesus are encircled by a design resembling the sun, the whole picture is encircled on both sides by a kind of scroll with the words PATRONNA BAVARIA. A Coat of arms rests at Mary's foot.

Germany's inflation period started in 1919 and on 1st May 1919 Germany became a Republic, and the Empire was dismantled. The following year on 1st April Bavaria lost the right to issue its own stamps. So on the 6th April 1920 these Bavarian Marian stamps were issued with an overprinted: "***DEUTSCHES REICH***"**.** These were used almost exclusively in Bavaria, although were valid for postage throughout the Germany Republic. So these stamps became the first religious stamps to be used in the German Republic.

The stamps feature the golden statue of the Virgin Mary standing on a crescent moon as the Queen of Heaven on the Mariensäule. **This** Marian column is located on the Marienplatz in Munich, Germany. It was erected in 1638 to celebrate the end of Swedish occupation during the Thirty Years' War. The figure was originally located in the Frauenkirche. *Mariensäule* in Munich was the first column of this type built north of the Alps and inspired erecting other Marian columns in this part of Europe. The statue was originally erected to commemorate the **victory of Maximilian I over the Turks in 1620.**

At each corner of the column's pedestal is a statue of a putto, created by Ferdinand Murmann. The four putti are each depicted fighting a different beast, symbolizing the city's overcoming of adversities: war represented by the lion, pestilence by the cockatrice, hunger or famine by the dragon and heresy by the serpent. ♦



(ikompli minn paġna 29)

Fl-istess jum, żaruna grupp ta' parruċċani mill-parroċċa ta' San Mark l-Evanġelista fid-Djoċesi ta' Padova (l-Italja). *"Signore, con l'intercessione di Maria ti affidiamo le nostre famiglie, la nostra parrocchia e i nostri."* (*Mulej, bl-interċessjoni ta' Marija, nafdawlek il-familji tagħna, il-parroċċa tagħna u l-qraba tagħna.*)

**Il-Ħamis, 26:** Sar pellegrinaġġ lejn is-Santwarju Nazzjonali tal-Madonna ta' Pinu minn grupp ta' reliġjużi li jgħixu f'Amiens (Franza).



**Il-Ħadd, 29:** F'dan il-Ħames Ħadd tar-Randan, sar pellegrinaġġ penitenzjali mill-Parroċċa tal-Viżitazzjoni tal-Madonna fl-Għarb. Dan il-pellegrinaġġ telaq minn ħdejn is-siġra awrikarja u malli wasal fil-pjazza ta' quddiem is-Santwarju, l-E.T. Mons. Isqof Nikol Ġ. Cauchi bierek il-monument ta' Franġisk Portelli - il-persuna li flimkien ma' Carmela Grima sema' l-leħen tal-Madonna ta' Pinu mill-kwadru tagħha. Wara, saret Konċelebrazzjoni Solenni li tmexxiet minn Mons. Isqof Cauchi flimkien ma' Mons. Arċipriet Carmelo Gauci u diversi saċerdoti mill-Għarb.

F'dan il-jum ukoll, grupp ta' 45 anzjan ġew jagħmlu l-*Via Sagra* fuq l-Għolja ta' Għammar. Grupp ta' 70 persuna li huma membri tax-Xirka ta' l-Isem Imqaddes ta' Alla attendew għall-Quddiesa ta' l-10am. Grupp ta' 15-il persuna ġew jagħmlu irtir mill-10.30am sat-3.30pm fid-dar ta' l-Irtiri. Mexxiet Sr. Ivana. L-irtir intemm b'Quddiesa minn Dun Gerard Buhagiar, Rettur tas-Santwarju.

**It-Tnejn, 30:** Grupp ta' 53 student (Form 5) li jattendu s-Seminarju Minuri tal-ArċiDjoċesi ta' Malta għamlu pellegrinaġġ lejn is-Santwarju tal-Madonna u kellhom Quddiesa ta' ringrazzjament fi tmiem il-kors sekondarju tagħhom.

**It-Tlieta, 31:** F'dan il-jum ta' festa nazzjonali, ġew organizzati żewġ pellegrinaġġi lejn is-Santwarju Nazzjonali tal Madonna ta' Pinu. L ewwel wieħed sar mill membri tal-Fergħa Ewkaristika tal-Marsa (Malta). Dan il-pellegrinaġġ penitenzjali jsir ta' kull sena fir-Randan Imqaddes għall-ġid spiritwali u temporali tal-membri.

Grupp ta' adoloxxenti mill-parroċċa ta' San Bartilmew (Ħal-Għargħur) żaru s-Santwarju.

Bejn it-3.30pm u s-6.30pm sar Irtir penitenzjali tar-Randan għall-membri tal-Kor *Nativitas* (Xagħra). Dan il-Kor huwa wieħed mill-korijiet li jagħti is-servizzi tiegħu fis-Santwarju Nazzjonali tagħna. L-irtir tmexxa minn Dun Injazju Borg, Kappillan ta' San Lawrenz u intemm billi l-istess Kor anima l-Quddiesa tas-6.30pm fis-Santwarju tal-Madonna.

# Il-Madonna ta' Pinu

*Poeżija ta' Robert Gatt*

Mill-pinna tal-mibki Buontempo,
ħareġ kliem ta' storja u tifħir,
fuq maqdes t'Omm Alla, santwarju,
li ġmielu jsaħħarna bil-kbir.

Sitt sekli ta' storja, mnejn nibtet,
l-imħabba lejn Ommna Marija;
sitt sekli u fuqhom, minn mindu,
dik l-Għorfa, tax-xemx rat id-dija.

U l-festa ta' Tlugħ il-Madonna,
fis-Sema, bil-ġisem u r-ruħ,
minn żmien bikri, imfakkra, f'dal-maqdes,
kienet tiġi, minn dawk li jżuruh.

Mis-sidien 'tal-Ġentili', din l-Għorfa,
'l Pinu Gauci kienet ġiet imħollija,
u warajh lil Pasquale Farrugia,
din il-Għorfa kellha tkun imgħoddija.

Fis-seklu Sbatax, hekk lejn tmiemu,
ġiet ir-raba' ta' Pinu mgħoddija,
lil Piju Depiro, qaribu,
u l-Għorfa meqjuma 'l Marija.

Il-ħsarat li din l-Għorfa hekk ġarrbet,
sa minn nofs is-seklu Sittax,
ġagħlu 'l-Isqof taż-żmien illi jordna
sabiex l-Għorfa tiġġarraf, tinħatt.

Dan sakemm erba' mitt sena wara,
maġenb l-Għorfa beda tiela', jinbena,
maqdes kbir, 'ddedikat lil Marija,
taħt it-titlu ta' l-Imtellgħa fis-Sema.

B'liema grajja kellha l-Għorfa tissawwar,
x'kellha ssofri, l-għeluq, l-abbandun!
Profanata għall-imġiba tal-poplu,
u ta' l-għadu, li riedu maħkum.

Dusina, fiż-żjara Appostolika,
hekk mar għamel lil din l-Għorfa msejkna;
ħadilha l-jeddijiet kollha,
u d-dmirijiet tagħha ċ-ċkejkna.

U fejn dawn ġew issa meħuda,
fil-Matriċi, fejn tgħammar Marija,
ġie mpitter inkwadru 'l-Assunta,
fuq artal hemm imħejji għaliha.

Ġrajja tali m'għandhiex, tħallina iżda,
fid-dubju jekk ġietx ikkunsidrata,
li fil-Knisja ġà meqjuma 'l-Assunta,
f'żewġ artali, hija tkun ivvenerata.

Iżda l-Għorfa ta' Pinu li toħlom,
hemmhekk baqgħet matul dan iż-żmien,
u l-pittur Perugino mar pitter,
xbieha, sewwasew f'dan l-imkien.

Ix-xbieha, ta' Marija l-Assunta,
ta' Pinu Gauci kienet tifkira,
u l-Għorfa, mill-ġdid profanata,
baqgħet, fil-ġmiel tagħha fqira.

Mingħand Gauci, l-Għorfa tithalla,
lis-Sur Gio. Domenico Muscat,
li bħal zijuh, ħa ħsiebha b'tant għaqal,
u le ħalla tiċċappas b'frugħat.

Bintu kien imissha 'mbagħad tiret,
Elena, mart is-Sur Ġwann Gourgion,
li 'l din l-Għorfa sewwewlha l-ħsara,
u lilha għammruha b'kull bżonn.

Barra dan, huma ressqu lill-Isqof,
ktiba bi kliem mimli b'rieda,
li 'l-Għorfa jħejjulha Quddiesa,
u festa li fiha titnieda.

B'ħiliethom b'hekk l-Għorfa infetħet,
mill-ġdid għall-qima tal-ġemgħa,
u għal żmien in-nies kienet titlob,
f'dal-maqdes, ta' l-Imtellgħa fis-Sema.

Kien tliet snin biss wara,
li l-knisja ta' l-Għarb,
Parroċċa hekk saret,
tal-poplu, għall-qalb.

U-renta ta' l-Għorfa,
tintilef maż-żmien,
sa reġa' biex beda
jinħass bżonn ta' mkien.

Għal dan qatt ma naqset
xi ruħ mqanqla b'tjieba,
li l-Għorfa issebbaħ,
hekk kellha ir-rieda.

Qassis twajjeb, minn dawn it-tali,
bl-isem ta' Dun Ġużepp Cassar,
mar joqgħod qrib din iċ-ċkejkn' Għorfa,
u hemm qaddes quddiesa kull nhar.

Bi flusu bena hawn sagristija,
u b'fided imwiegħda min-nies,
mar sewwa, bil-flus b'hekk miġbura,
l-Għorfa tagħna, wisq żgħira fil-qies.

Bil-mewt, iżda, tax-xwejjaħ,
destin l-għorfa mill-ġdid reġa' kien,
li tinżamm magħluqa għall-ġemgħa,
u ftit biss kienu jżuru l-imkien.

Kompla tappan il-ġrajja ta' l-Għorfa,
Oratorju li nfetaħ fil-qrib,
xekkel wisq l-Għorfa fqajra ta' Pinu,
fiha bdiet in-nies t'hemm, skomdu ssib.

Din hi l-ġrajja li 'tulha il-Maqdes,
ta' Marija meqjuma f'Ta' Pinu,
dam minsi, u 'l bogħod mill-miġemgħa,
jgħodd il-faqar ta' żmienu u sninu.

Iżda Alla l-Imbierek jinqeda,
mhux bil-kobor u l-frugħa tad-dinja,
iżda b'kobor iċ-ċkejken u l-umli,
illi jesa' fiċ-ċokon ta' rimja.

F'dik l-Għorfa, il-knisja Ta' Pinu,
f'din is-siegħa mill-aktar mudlama,
deher raġġ ta' dawl li jgħammex,
frott l-idejn t'Alla, s-Setgħana.

B'hekk mill-Knisja magħrufa u maħbuba,
sar gozz radam, imwarrab min-nies,
u miċ-ċkejkna kellu jerġa' jitwaqqaf,
biex jinbena kbir tempju bla qjies.

Hawn ukoll, fuq fdal dan il-Maqdes,
kellha tidwi ħanina t-twissija,
ta' Ommna Marija Santissma,
lil xbejba tal-gżira Għawdxija.

Din ix-xbejba, li mill-Għarb kienet ġejja,
Raħal ċkejken fil-Punent ta' dil-gżira,
kienet waħda minn sitta fost ħutha,
illi kellhom, ħdejn l-Għorfa, art fqira.

Din ix-xbejba, li hi Karmni Grima,
marret stqarret quddiem l-Isqof Pace,
dik is-sejħa li semgħet mill-Għorfa,
l-ġrajja kollha, kif sewwa sew ġrat.

F'dak il-jum, f'dik il-għodwa ta' Ġunju,
Karmni Grima tenniet xi talbiet,
hi u ġejja lura mill-għalqa,
mingħajr fl-Għorfa ma tidħol, bil-ħsieb.

Iżda hekk kif qorbot lejn l-Għorfa,
Semgħet leħen, jgħidilha għal darbiet,
li sejħilha biex tidħol fil-Maqdes,
fl-Għorfa ċkejkna, is-saltna tas-skiet.

Dak il-leħen hekk reħa' tennielha,
biex tmur fl-Għorfa, għax qabel tmiem sena,
ma tkunx terġa' tista' żżur il-post fqajjar,
li b'xejn aktar kellu jerġa' jinfena.

Karmni resqet qrib aktar lejn l-Għorfa,
u minn tieqa 'kejkna ħarset ġewwa,
sabiex tara, kienet hi mingħaliha,
lil Ommna Marija, kollha ħlewwa.

Iżda l-Għorfa ta' Pinu, bħas-soltu,
Reġgħet kienet mingħajr ħadd ġo fiha,
u Karmni, mistagħġba, bil-ġrajja,
daħlet titlob xi talb ta' foħrija.

F'dan il-waqt, hija semgħet il-leħen,
li mill-ġdid b'dik il-ħlewwa, qalilha,
biex tliet Slimiet hi tgħid, f'ġieħ
it-tlett ijiem li fil-qabar dam ġisimha.

U Karmni hekk għamlet u talbet,
biex minn hemm lejn id-dar reġgħet lura,
u qatt aktar, sa tmiem sena, ma dehret,
fl-Għorfa 'kejkna, ta' Karmni, is-sura.

Għal sentejn sħaħ fis-skiet żammet il-ġrajja,
ta' din is-sejħa li semgħet fil-maqdes,
iżda f'qalbha, l-imħabba qanqlitha,
sabiex f'waqtu, dak il-jum hekk jitqaddes.

U żagħżugħ kollu tjieba u ħeġġa,
jismu ¬ikku Portelli mill-Għarb,
kellu jkun l-ewwel wieħed li jisma',
mingħand Karmni, biex jgħid dan it-talb.

Karmni wkoll saret taf m'għand Portelli,
lilu wkoll, minn Xbihatha widdbitu,
il-Madonna, li qaltlu, biex jitlob
lill-pjaga ta' Binha, moħbija fuq spalltu.

Għal żmien twil, huma żammu mistura,
dawn il-ħwejjeġ, ta' għoġba hekk kbira;
dan kien skiet, bħalma ġie deskritt f'kitba,
ġej mis-sema, skond fehmitna hekk fqira.

Tant hu hekk li għal Ċikku Portelli,
din is-sikta kienet aktar stinata,
u kellu l-Isqof innifsu jitolbu,
biex tal-ġrajja, xejn aktar jgħid dwarha.

B'dan kollu, ix-xhieda minn tiegħu,
lill-Isqof, dwar dawn il-ġrajjiet,
sfat nieqsa minn 'afna dettalji,
u fqajra kienu tiegħu, il-kelmiet.

Xejn ma jista', iżda, jħassibna,
dwar il-fidi tal-ġuvni u x-xebba,
għax minn fomm nies ta' bla skola,
kliem Marija setgħu biss kienu mnebbħa.

Barra dan hemm xhieda o'ra grandjuża,
is-Santwarju, bla qies, dan it-tempju,
illi niesna, frott din il-ġrajja,
marru bnew, biex hekk tagħha jkun xempju.

F'dan il-waqt in-nies kollha f'gżiritna,
rħewlha b'ħgarhom, ħa jżuru 'l Marija;
litaniji w innijiet ta' kull xorta,
lilha ngħadu, b'kull tifħir u foħrija.

Kliem Sidtna kien sejjaħ lil ġensna,
biex dik l-Għorfa, imwarrba, minsija,
issir maqdes, ta' ġajja u fidi,
fi Kristu u f'Ommu Marija.

U l-Omm wisq ħanina tas-Sema,
lit-talb bla ma jaqta' tan-nies,
tat widen, u semgħet, bl-imħabba,
u ħelsitu, mill-għali bla qjies.

Mal-mard tal-kolera dil-gżira,
qatt messet u nfniet l-art Għawdxija,
w omm Ċikku, mill-mard fil-qalb tagħha,
dlonk fieqet, bil-wegħda 'l Marija.

Kien dan l-ewwel fejqan straordinarju,
l-ewwel wieħed li sar fis magħruf,
u n-nies malajr ġriet lejn din l-Għofra,
li tagħha kważi jmissu, it-truf.

Bil-kotra għall-Maqdes bla taqta',
l-Arċipriet talab 'l-Isqof inkjesta,
u dan qallu kliem t'għerf u qdusija,
li xejn m'għandu għal xiex jikkontesta.

Għax la darba il-ġrajja hi minnha,
u jekk Ommna Marija, f'Ta' Pinu,
kellha twassal messaġġ f'din id-dinja,
żgur li dan, kien se jseħħ f'waqtu u 'inu.

B'dankollu, il-Knisja li s'issa,
kienet għadha fin-nofs ma ndaħlitx,
ħasset bżonn, li tistħarreġ bir-reqqa,
l-ġrajjiet kollha, ħa tara xi jfiġġ.

L-Arċipriet, imbagħad l-Isqof, għarbluhom,
b'reqqa kbira, lit-tnejn illi semgħu,
is-sejħiet tal-Madonna ta' Pinu,
li warajhom, il-ġnus kollha 'nġemgħu.

F'xhieda o'ra, ftit snin biss wara l-ġrajja,
Karmni stqarret dehriet tal-Madonna,
fejn kellha hi, tħabbiriet, profeziji,
minn Marija, Omm Alla u Ommna.

Tal-ġrajjiet li seħħew fl-Għorfa ċkejkna,
sar mill-Knisja, ħaqq sewwa u xieraq,
u tas-Santwarju, il-Maqdes ta' Pinu,
iż-żmien tas-sebħ tiegħu kien riesaq.

Ma kellhiex tintmess, iżda, il-Għorfa,
xhieda għażiża, tal-ġrajjiet imsemmija,
it-tifkira t'Omm Alla li marret,
f'dik il-kmajra hemm tagħmel tħabbira.

Kull tifħir lil dawk kollha li għenu,
bil-ġabriet, iż-żerriegħa li nibtet,
għaliex dawn fetħu l-bieb tas-Santwarju,
bla ma rawh, għaliex qalbhom ġà siktet!

Xahrejn biss qabel is-Sette Giugnio,
beda x-xogħol tas-sisien tas-Santwarju;
u kbar kienu l-ħidmiet illi twettqu,
minn dawk l-ewwel, li raw il-Kalvarju.

Għax xejn tiswa t-tħejjija u l-ġabra,
jekk dak l-għawġ li jinqala' bla ħniena,
jagħraf jegħleb il-qawwa tar-rieda,
tal-qlub kollha ta' l-ewwel ħaddiema.

Ftit jiem biss minn għeluq sena wara,
ġiet imbierka, ta' dal-monument,
l-ewwel ġebla, li tat hekk il-bidu,
għal twettiq ħolma, li ġrat verament.

U ħdax għaddew snin meta tlesta,
minn kollox, il-bini tal-Maqdes,
u l-Isqof taż-żmien, Mikiel Gonzi,
kien minnu li t-Tempju ġie mqaddes.

Sena biss wara l-isbaħ ġurnata,
dan it-tempju, minn rokna ta' kmajra,
ġie mgħolli għal denja Bażilika,
qatt aktar minsija u fqajra.

U l-mibki Giovanni Bonnici,
wara tmiem ix-xogħol kollu tal-bini,
mar ikompli xi xogħol ta' skultura,
li mhux ftit huwa llum hekk ta' siwi.

Għax Bonnici li spiċċa b'diżgrazzja,
fl-istess Maqdes, Santwarju ta' Pinu,
żgur li tħallas minn Ommna Marija,
Għal dak kollu li għamel tul sninu.

U ma kienx żgħir in-numru ta' grazzji,
illi nqalgħu bl-intervent ta' Marija,
taħt it-titlu tal-meqjuma f'Ta' Pinu,
mekka t'għoġba, f'dil-gżira Għawdxija!

U f'dal-maqdes, kif kien ġie mħabbar,
Daħlu nies kbar u għolja f'ħatriethom,
Kardinali, Isqfijiet u sal-Papa,
illi l-Maqdes ta' Pinu hu għaxqiethom.

Huwa wkoll l-għaxqa tagħna, dat-tempju,
illi jilma fil-Punent ta' dil-gżira,
u fih aħna, insellmu 'l-Assunta,
bit-tislima minn tagħna, wisq fqira.

U ngħidulek, Omm Alla u Ommna,
ħarisna, f'tal-ħajja t-tiġrib,
ħalli ruħna x'ħin tidħol fis-Sema,
is-sebħ tiegħek, fil-glorja, issib!




# L-Għanja tal-Qaddejja

## (Il-5 Parti)

*Mill-ktieb ta' Bernard Häring,*
*maqlub għall-Malti*
*minn Francesco Pio Attard*

## Iż-Żjara

Meta Marija ssir taf li l-qariba tagħha nisslet iben fi xjuħitha, dan hu biżżejjed biex tħossha mistiedna tmur taqdiha. It-talba ta' Marija, *"Ara, jiena l-qaddejja tal-Mulej"*, għandha, b'neċessità, dimensjoni orizzontali. Hi l-qaddejja ta' Alla u tal-Bxara tiegħu, u fl-istess waqt hi l-qaddejja tal-proxxmu tagħha. Lil Marija nsibuha mhux biss fid-dar ta' Żakkarija u Eliżabetta f'Għajn Karem, imma wkoll f'Kana biex tgħin fid-dar u fil-kċina. Min jaf kemm drabi ħasset il-grazzja ta' Alla tistedinha taqdi lil dawk li kienu jeħtiġuha?

Marija tmur tiltaqa' ma' Eliżabetta u Żakkarija bħala l-qaddejja ta' Alla. Hi tiġi biex taqdihom imma fl-istess waqt tiġi biex iġġibilhom il-bxara ta' ferħ u sliem. *"Daħlet għand Żakkarija u sellmet lil Eliżabetta"* (Lq 1:40). It-tislima tagħha m'hix sempliċiment korteżija, jew il-ferħ f'laqgħa ta' żewġt iħbieb qodma. Hi ssellem, bħala bint Sijon, bil-barka u l-għanja tat-tama li ġejjin mill-ibgħad żminijiet: *"Shalom"* - "Sliem". Hi barka, u f'dan il-waqt hi l-milja mwettqa tat-tama ta' Israel. F'ġufha ġġorr il-Prinċep tas-Sliem, li ħa n-natura umana tagħna biex il-ferħ u s-sliem tiegħu jiddu fi qlub kulħadd. Hu ġie jwaqqaf saltna ta' sliem u ħaqq. Il-miġja tagħha u t-tislima tagħha huma sinjali tal-miġja u l-barka tal-Mulej.

Fl-aqwa tradizzjoni tagħna, it-tislima bejn il-Kristjani kienet ġieħ lil Alla u qsim tal-barka. Forsi ta' min jiskopri mill-ġdid it-tifsira tal-laqgħa bejn il-Kristjani fl-istess djar tagħna u qalb il-ħbieb. Kemm kienet sabiħa t-tislima qadima "Ikun imfaħħar Ġesù Kristu", jew, kif jingħad fl-inħawi kollha ta' l-Italja fejn ħadem San Alfons, *"Ikunu mfaħħra Ġesù u Marija"* - bit-tweġiba - *"Għal dejjem ikunu mfaħħra"*. Għaliex tlifniha din it-tradizzjoni sabiħa? Forsi kienet saret wisq formali, wisq rutina. Jeħtieġ nitgħallmu mill-ġdid kif infaħħru lil Alla u nbierku lil xulxin b'mod iktar spontanju meta niltaqgħu. Anki sempliċi "L-għodwa t-tajba!" tista' tkun talba u barka.

Is-silta biblika tagħmilna konxji li t-tislima ta' Marija kienet talba u barka l-iżjed b'saħħitha. "Malli Eliżabetta semgħet lil Marija ssellmilha, it-tarbija qabżet fil-ġuf tagħha" (Lq 1:41). B'Marija l-magħżul biex iħejji t-triq tal-Mulej jidħol f'kuntatt ma' Ġesù. It-tweġiba tiegħu hi għanja ta' tifħir, is-sinjal tas-sliem u l-ferħ ta' l-era messjanika.

Kif Ġwanni jaqbeż bil-ferħ Eliżabetta nfisha titbierek tassew bit-tislima ta' Marija. "Eliżabetta mtliet bl-Ispirtu s-Santu; u nfexxet f'għajta kbira u qalet: 'Imbierka inti fost in-nisa, u mbierek il-frott tal-ġuf tiegħek!'" (Lq 1:41-42). F'dak



il-waqt ipprivileġġjat Eliżabetta rċiviet l-Ispirtu s-Santu li kien dawwal lill-profeti u ġegħilha tiskopri t-tifsira profonda taż-żjara ta' Marija. It-tweġiba tagħha hi barka u affirmazzjoni mimlija gratitudni ta' dak li Alla għamel f'Marija, li hi l-mara l-kbira li fiha kull nisel jara 'l Eva l-ġdida, li tagħtina 'l Adam il-ġdid, Ġesù Kristu, il-Feddej ta' kulħadd. Kull darba li nitolbu s-*Sliema* aħna ningħaqdu ma' l-anġlu u ma' Eliżabetta fit-tifħir għal dak kollu li Alla għamel f'Marija.

"Minn fejn ġieni dan li omm il-Mulej tiegħi tiġi għandi?" (Lq 1:43). Ġwanni l-Battista jistqarr bl-umiltà li hu ma jistħoqqlux iħoll il-qfieli tal-qorq ta' Ġesù. 'Il quddiem narawh jistaqsi bi stagħġib: "Jiena hu li jeħtieġ li nitgħammed minn għandek, u inti tiġi għandi?" (Mt 3:14). Bl-istess umiltà Eliżabetta tistagħġeb kif jista' jkun li omm il-Mulej tagħha tiġi tgħinha f'darha. Il-wasla tal-qaddejja tal-Mulej tista' tintlaqa' biss b'umiltà profonda. Il-miġja ta' Marija tnissel qima u stagħġib: għax imbierek min ġej f'isem il-Mulej.

Fid-dar taż-Żjara aħna naraw djalogu mill-isbaħ ta' fidi, talba maqsuma. Hemm preżenti ħames persuni: il-Verb etern magħmul bniedem fil-ġuf tal-Verġni; ommu li ġġib l-għajn ta' kull barka u sliem; Eliżabetta, mimlija bl-Ispirtu s-Santu; l-ikbar fost il-profeti li jħejji għall-miġja ta' Kristu, Ġwanni l-Battista; u Żakkarija, bniedem ta' skiet profond imma b'għajnejn u qalb miftuħa. Is-skiet tiegħu hu tabilħaqq parti'ipazzjoni, smigħ u preżenza. Il-ħsad sa jkun l-għanja tiegħu: "Imbierek il-Mulej Alla ta' Israel".

Kull familja u komunità Kristjana hi msejħa tkun dar tat-talb u għalhekk għajn ta' ferħ għal ħafna. Meta bi gratitudni naqsmu l-fidi tagħna ma' xulxin u nissieħbu fit-tifħir lil Alla, ilkoll niksbu l-għajnuna biex naqraw is-sinjali taż-żminijiet u niskopru l-preżenza tal-Mulej.

***Mulej Ġesù Kristu,***
***irroddulek ħajr ma'***
***Eliżabetta, Ġwanni u Żakkarija***
***għaż-żjara tiegħek fid-dar tagħhom;***
***u rroddulek ħajr għad-drabi kollha***
***li int ġejt iżżurna f'ħajjitna***
***u fil-familji tagħna.***
***Irroddulek ħajr, Missier li tista' kollox,***
***għall-miġja ta' l-ikbar***
***fost il-mistiedna kollha,***
***l-Iben il-waħdieni tiegħek***
***magħmul Bniedem għalina.***
***Hu d-don tiegħek***
***imma bil-grazzja tiegħek***
***hu wkoll don ta' Marija lilna.***
***Agħtina li bħal Marija***
***aħna wkoll inwasslu 'l Ġesù,***
***il-barka tiegħu u s-sliem tiegħu,***
***lil ħbiebna,***
***lil kull min niltaqgħu miegħu.***

***Irroddulek ħajr, Marija,***
***ma' dawk kollha***
***li fi djarhom int ġibt il-barka***
***u s-sliem ta' Kristu.***
***Berikna bit-tislima tiegħek, "Shalom",***
***u itlob għalina biex inkunu dejjem attenti***
***għall-ħafna sinjali tal-miġja ta' Kristu***
***f'ħajjitna.***
***Amen.*** ♦



# Grazzi, Omm tiegħi tas-Sema...

## Ottubru - Diċembru 2008

**Informazzjoni miġbura minn Edward Depasquale**

**Amerika:** Camilleri Anthony, Farrugia Anne, Portelli Samwel, Sammut L.

**Awstralja:** Agius Salvina, Attard Joe, Bonnici Frances, Borg Grace, Borg Marija, Borg Nina, Cini Catherine & Pawlu, Cini Margaret & Charlie, Cini Tony, Farrugia R.P., Formosa Frances, Grech Mary, Grech Joe, Muscat Vicky, Spiteri Michale & Frances, Sultana Wenza, Vassallo Paul & Carmen, Zammit Jim & Katy,

**Ewropa:** Borg Rosemary, Hayes Fam., Powell Mrs., Venn Mrs., Raymond,

**Għawdex:** Agius Mikelina, Aquilina Stella Attard Victoria, Axiaq Joe, Axiaq John, Azzopardi Charlene, Bajada Carmel, Bajjada Manwel, Bajjada Paul, Borg Carmen, Borg Leli, Bugeja Jacquelene, Bugeja John, Bugeja Marvic, Buttigieg Ġużepp, Buttigieg Gita, Buttigieg John, Camenzuli Salvina, Camilleri Charlene, Camilleri Gerita, Cardona Josette, Cardona Kelina, Caruana Lilian Caruana Mary, Cauchi Antonia, Cauchi Eugenia, Cauchi Eugenio, Cauchi John, Cauchi Roseanne, Cini Michael, Costa Teresa, Curmi Twanny, D'Anastasi Melvin, Day Ms., Debono Peter Paul; Debrincat Joe, Debrincat Karista, Debrincat Richard, Falzon Lina, Falzon Monica, Farrugia Ann, Farrugia Charlotte, Farrugia Heidi, Farrugia Jane, Formosa Ġużepp, Formosa Salvina, Galea Lourdes, Galea Michael (Rev), Garcia Joe, Gauci Karmnu, Gauci Neil, Grech Anna, Grech J., Grech Josephine, Grech Maria, Grech Marita, Grech Peter Paul, Grech Rose, Grima Charlotte, Grima Fam., Grima Marġwann, Grima Virġinja, Hili Marcon, Laura Vicuna School Studenti, Mercieca Anthony & Vitorina, Mercieca Doreen, Mercieca Ryan & Jason, Micallef Leli, Mintoff Ġina, Mintoff Rose, Muscat Carmela, Portelli Ġużeppa, Portelli Anthony, Portelli John, Portelli Joseph, Portelli Josephine, Reynolds Antoinette, Said Lonza, Sammut Marija, Spiteri Kurunata, Spiteri Rose, Spiteri Tessie, Sultana Ġiovanna, Sultana Emanuel, Sultana Joyce, Sultana Rosina, Sultana Wiġi, Tabone Frank, Tabone Rita, Theuma Christiana, Theuma Grezzju, Theuma Peter, Vella Joe, Vella Lilly, Vella Vincenza, Xuereb Joe, Xuereb Joseph, Zahra Fam., Zahra Marija, Zerafa Margaret, Lucy.

**Malta:** Abela Pawlu, AgiusCarmelo, AgiusPawla, Attard Gorge, AttardMaria Carmela, Attard Marija, Bajada Tony, Barthet Mrs. T., Bonello Carmen, Bonello Reno, Bonnici Rita, Briffa Anne Marie, Briffa Antonella, Briffa Bernardette, Bugeja Carmen, Bugeja Ray, Bugeja

(Ikompli f'paġna 40)



# Preżentazzjoni tat-Trabi lill-Madonna Ta' Pinu

miġbura minn Edward Depasquale

## Ottubru - Diċembru 2008

**Għawdex:** Agius Mariah, Chetcuti Andreas Manuel Chetcuti Milena Tori, Chetcuti Wayne Jordan, Curmi Ryan, Grech Nicholas, Grech Ylenia, Portelli Jaydon.

**Malta:** Abdilla Maria Kate, Ancilleri Michela, Attard Sara Marie, Attard Shaun, Azzopardi Amber, Azzopardi Mariah, Azzopardi Matthis, Barbara Ben Joseph, Bonavia Jamie, Bonello Benjamin, Bonello Ishmael Borg Gabriel Borg Jake, Bugeja Nathan, Cachia Matthias, Calleja Matthias, Camenzuli Christian Paul, Camilleri Gianluca Camilleri Justin Lee, Camilleri Marius, Caruana Jade, Caruana Rhiana, Cassar Nacyen, Chetcuti Jerome, Chircop Dajean, Cutajar James, Debono Brooke, Degiorgio Emma Jo, Demicoli Kayleigh, Dowling Wayne, Enriquez Alex, Farrugia Abigail, Farrugia Gabriel, Farrugia Gesmark, Farrugia Marija, Fenech Luca, Filippo Jean, Galea Ylenia, Gauci Elisa, Grech Isaac, Grech Matthew, Grech Thea, Grima Baldacchino Kate, Grima Baldacchino Maria, Inguanez Ella, Javanovic Lea, Kind Justin, Mayer Cassdidy, Mifsud Elisa Jo, Mifsud Francesco, Mifsud Marija, Overend Nicholas, Parnis Julia, Salerno Matteo, Saliba Noelene, Sammut Francesco, Scicluna Gulian, Spiteri Gabriel, Spiteri Krista Vassallo Matteo Vella Faith Marie, Xerri Luca, Xerri Mattea, Zahra James.

(ikompli minn paġna 39)

## Grazzi, Omm tiegħi tas-Sema

Rebecca & Francesco, Buhagiar Marthese, Buonanno Marianne, Cachia Antonia, Camilleri Astrid, Caruana Charmaine, Caruana Domenika, Cassar Josanne, Cassar Louis, Cassar Placide, Cauchi Carmelo, Cauchi Mario & A., Chircop Lina, Cumbo Ermellina, Cutajar Fam., Debono Ġorġina, Deguara Pauline, Demicolo Anna, Ellul Lonza, Enriquez Fam., Facculliu Toni, Fanciulli Ronnie, Farrugia Margaret, Farrugia Margerita, Formosa Emma, Galea Charles, Galea Mary, Galea Paul, Galea Tereża, Gatt Raymonda, Gatt Ruth, Gouder Mary Rose, Grech Chantelle, Grech Gaetano, Grech Sharlon, Grima Marija, Kitscher Amanda, Lanzon Marthese, Mangion Joseph, Mayer Charmaine, Micallef Joe, Micallef Louis, Micallef Madelene, Mifsud Christen, Mifsud Marija, Mifsud Sonia, Mifsud Stephen, Mifsud Violet, Mousu Tony, Mugliette Carmen, Muscat Antida, Muscat Carmen, Muscat Emma, Muscat Nathaline, Nobbs Fam., Pace Carmel, Pace Lilian, Paris Johnny, Psaila Victoria, Sacco Julie, Saliba Nażżarenu, Sammut Fam., Sammut Pascifico, Sammut Tessie, Saysu Antonia, Schembri Anthony, Schembri Charles, Sciberras Filomena, Spiteri Emily, Spiteri Leighton, Sultana Marianne, Sultana Mario, Tabone Saviour, Tanti John, Tedesco Marija, Vassallo Joe, Xerri Elizabeth, Zammit Mary Rose.



# Conclusion of the LETTER OF HIS HOLINESS POPE BENEDICT XVI PROCLAIMING A YEAR FOR PRIESTS ON THE 150th ANNIVERSARY OF THE "DIES NATALIS" OF THE CURÉ OF ARS

Dear brother priests, the celebration of the 150th anniversary of the death of Saint John Mary Vianney (1859) follows upon the celebration of the 150th anniversary of the apparitions of Lourdes (1858). In 1959 Blessed Pope John XXIII noted that "shortly before the Curé of Ars completed his long and admirable life, the Immaculate Virgin appeared in another part of France to an innocent and humble girl, and entrusted to her a message of prayer and penance which continues, even a century later, to yield immense spiritual fruits. The life of this holy priest whose centenary we are commemorating in a real way anticipated the great supernatural truths taught to the seer of Massabielle. He was greatly devoted to the Immaculate Conception of the Blessed Virgin; in 1836 he had dedicated his parish church to Our Lady Conceived without Sin and he greeted the dogmatic definition of this truth in 1854 with deep faith and great joy."[50] The Curé would always remind his faithful that "after giving us all he could, Jesus Christ wishes in addition to bequeath us his most precious possession, his Blessed Mother".[51]

To the Most Holy Virgin I entrust this Year for Priests. I ask her to awaken in the heart of every priest a generous and renewed commitment to the ideal of complete self-oblation to Christ and the Church which inspired the thoughts and actions of the saintly Curé of Ars. It was his fervent prayer life and his impassioned love of Christ Crucified that enabled John Mary Vianney to grow daily in his total self-oblation to God and the Church. May his example lead all priests to offer that witness of unity with their Bishop, with one another and with the lay faithful, which today, as ever, is so necessary. Despite all the evil present in our world, the words which Christ spoke to his Apostles in the Upper Room continue to inspire us: "In the world you have tribulation; but take courage, I have overcome the world" (Jn 16:33). Our faith in the Divine Master gives us the strength to look to the future with confidence. Dear priests, Christ is counting on you. In the footsteps of the Curé of Ars, let yourselves be enthralled by him. In this way you too will be, for the world in our time, heralds of hope, reconciliation and peace!
With my blessing.

*From the Vatican, 16 June 2009.* **BENEDICTVS PP. XVI**


IT-13 Sena
Velja ta' l-Għid ta' l-Assunta
• KANT U SALMI
• QUDDIESA TAL-VĠILI
mmexxija minn Mons. Isqof Mario Grech
• LEJL ADORAZZJONI EWKARISTIKA
Santwarju Ta' Pinu
Il-Ġimgħa, 14 t'Awissu 2009
8.15 - 10.15 p.m.
Xandira diretta fuq Radju Marija 102.3 FM
Trasport mill-Parroċċi ta' Għawdex
Trasport minn Malta organizzat minn Radju Marija - tel 21453105
NEWSPAPER POST